

Brussell, 8 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

13731/25

TELECOM 348
COMPET 993

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	8 ta' Ottubru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 723 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL Strateġija għall-Applikazzjoni tal-IA

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2025) 723 final.

Mehmuż: COM(2025) 723 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.10.2025
COM(2025) 723 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U
LILL-KUNSILL**

Strateġija għall-Applikazzjoni tal-IA

1. Introduzzjoni

L-Intelliġenza Artifiċjali (“IA”) qed tavanza b’pass liema bħalu b’kapaċitajiet li jistgħu jsawru mill-ġdid l-industriji u s-settur pubbliku kollha¹. L-iżvilupp u l-adozzjoni tat-teknoloġiji tal-IA (bħall-mudelli avvanzati tal-IA bi skop ġenerali, l-aġenti tal-IA, it-tewmin diġitali u mudelli żgħar speċjalizzati tal-IA) huma opportunità tad-deheb għall-UE biex tixpruna l-innovazzjoni, tħaffef it-ktabbir fil-produttività, u ssaħħa il-qawwa kompetittiva u s-sovranità teknoloġika tagħha. Minkejja bażi industrijali soda u ekosistema vibranti ta’ negozji ġodda, l-iżvilupp u l-adozzjoni tal-IA fl-UE għadhom limitati, hekk kif dawn it-teknoloġiji qed jintużaw biss minn 13.5% tan-negozji u 12.6% tal-intrapriżi żgħar u medji (SME)² – is-sinsla tal-ekonomija tal-UE.

Filwaqt li tibni fuq il-Pjan ta’ Azzjoni għal Kontinent tal-IA u fuq l-impenn tal-UE li tippromwovi IA affidabbli u bil-bniedem fiċ-ċentru, f’konformità mal-Att dwar l-IA³, l-Istrateġija tiffoka fuq li taħtaf il-potenzjal trasformattiv tal-IA bħala katalizzatur għal integrazzjoni vertikali akbar. Din għandha l-għan li **żżid bil-kbir l-użu tal-IA**, b’mod partikolari fost l-SMEs u l-kumpaniji żgħar b’kapitalizzazzjoni medja, u li **tiffaċilita l-integrazzjoni tal-IA** ħalli ssaħħa il-kompetittività tal-industriji Ewropej, b’mod partikolari dawk aktar strateġiċi. Tara wkoll li **taħtaf il-benefiċċji soċjetali usa’** tal-IA, li jvarjaw minn dijanjożi tal-kura tas-saħħa aktar bikrija u aktar preċiża, sa aktar effiċjenza u aċċessibbiltà fis-servizzi pubbliċi, filwaqt li tħares il-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni. Barra minn hekk, tara li **ssaħħa il-kapaċitajiet tal-UE u tistinka għal eċċellenza b’IA prijuniera**.

Biex tilħaq dawn l-għanijiet, l-Istrateġija tippromwovi bidla fil-mod kif il-kumpaniji u l-organizzazzjonijiet tas-settur pubbliku jħarsu lejn is-soluzzjonijiet għall-problemi. Billi jadottaw **politika li tpoġġi l-IA l-ewwel**, dawn qed jitħeġġu jħaddmu IA li tibni fuq is-soluzzjonijiet Ewropej. Billi jużaw l-IA u fl-istess waqt jistħarrġu l-benefiċċji u r-riskji potenzjali tagħha, il-kumpaniji Ewropej jistgħu jadattaw għall-impatt trasformattiv tagħha, inkluż fejn jidħol l-immaniġġjar tal-postijiet tax-xogħol u l-ħtiġijiet tat-taħriġ. Dan l-approċċ mhux biss **jixpruna s-suċċess tan-negozji** iżda **jrawwem ukoll l-iżvilupp ta’ preżenza strateġika Ewropea fid-diversi saffi tal-istacks tal-IA**⁴, filwaqt li jinvolvi lill-ħaddiema u jappoġġa l-ħolqien ta’ ekosistema tal-IA tal-UE soda u sovrana.

Skont it-tagħrif miksub mill-konsultazzjoni pubblika⁵ u minn diskussjonijiet settorjali⁶ fl-aħħar xhur, l-Istrateġija għall-Applikazzjoni tal-IA hija mibnija fuq tliet pilastri ewlenin⁷, jiġifieri li:

- **Jitniecu inizzjattivi ewlenin settorjali** li jagħtu spinta lill-użu tal-IA fis-setturi industrijali ewlenin tal-ekonomija tal-UE u fis-settur pubbliku.
- **Jingħelbu l-isfidi trażversali** ħalli titħeġġeġ adozzjoni akbar tal-IA mill-SMEs; ikollna forza tax-xogħol lesta għall-IA fis-setturi kollha; jiżdiedu l-kapaċitajiet avvanzati tal-IA; u tkun żgurata l-fiduċja fis-suq.
- **Jitwaqqaf mekkaniżmu ta’ governanza uniku** ħalli jitħaddem approċċ settorjali u jitrawwem proċess dinamiku ta’ kollaborazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati. Se

¹ Ara pereżempju r-rapport “Generative AI Outlook Report” taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka: <https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/9f7e0b86-477c-11f0-85ba-01aa75ed71a1/language-en>

² https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/isoc_eb_ai/default/table?lang=en

³ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX%3A32024R1689>

⁴ Stack tal-IA hu ġabra ta’ teknoloġiji, oqfsa u infrastruttura li jaħdmu flimkien biex jibnu, iħaddmu u jifirxu sistemi tal-IA, u jiffaċilitaw l-użu tagħhom.

⁵ https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/14625-Apply-AI-Strategy_en

⁶ Fl-aħħar fit xhur ġew organizzati 17-il djalogu settorjali strutturat u 2 djalogi politiċi ta’ livell għoli: ara t-tabella fl-Anness.

⁷ L-azzjonijiet tal-Istrateġija huma mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u għar-regoli rilevanti tal-UE dwar l-antitrust.

jitnieda wkoll Osservatorju tal-IA biex jiżviluppa indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs) u jsegwi l-iżviluppi, l-impatt u x-xejriet futuri tal-IA.

- Mal-Istrateġija għall-Applikazzjoni tal-IA hemm ukoll il-**Istrateġija għall-IA fix-Xjenza** li ħabbret ir-Riżorsa għall-Intelliġenza Artifiċjali fix-Xjenza fl-Ewropa (RAISE) bħala inizjattiva ewlenija li tkopri l-adozzjoni tal-IA fid-dixxiplini xjentifiċi kollha. Tikkomplementaha hemm l-**Istrateġija għal Unjoni tad-Data** li tipprovdi sorsi ġodda ta' settijiet tad-data ta' kwalità għolja u fuq skala kbira, li tant huma meħtieġa għat-taħriġ tal-algoritmi.

2. Jitniedu inizjattivi ewlenin settorjali

L-IA għandha l-potenzjal li tittrasforma kif jaħdmu l-industriji, kif jitmexxew il-gvernijiet, u kif jinkiseb il-valur fl-ekonomija. Tista' żżid l-isforzi tas-simplifikazzjoni u b'hekk tixpruna l-produttività u l-kompetittività. Is-subtaqsimiet li ġejjin jiddeskrivu inizjattivi ewlenin li huma maħsuba biex jindirizzaw l-isfidi settorjali ewlenin u jappoġġaw l-approċċ ta' politika li tpoġġi l-IA l-ewwel. Dawn ħarġu mir-rispons inizjali li taw il-partijiet ikkonċernati waqt il-konsultazzjoni pubblika⁸, fis-sejħa għall-evidenza⁹ u tul is-17-il djalogu strutturat tekniku (l-Anness 1) li saru ma' atturi settorjali ewlenin.

L-adozzjoni tal-Istrateġija għall-Applikazzjoni tal-IA timmarka l-bidu ta' vjaġġ trasformattiv li se jkun qed jiġi aġġornat u estiż kontinwament bis-saħħa tal-kontributi li jipprovdi l-mekkaniżmu ta' governanza deskritt fl-aħħar kapitlu tal-Istrateġija. Dan ifisser li fil-futur l-azzjonijiet ta' hawn taħt jistgħu jiġu kkomplementati b'inizjattivi ġodda f'setturi oħra bħall-finanzi, it-turiżmu u l-kummerċ elettroniku. Biex toperazzjonalizza l-azzjonijiet ta' din l-Istrateġija, il-Kummissjoni qed timmobilizza madwar EUR 1 biljun mill-programmi tal-finanzjament¹⁰ tagħha b'effetti importanti ta' ingranaġġ skont is-settur partikolari.

2.1. Il-kura tas-saħħa, inkluż il-farmaċewtika

L-IA għandha potenzjal sinifikanti li tittrasforma s-settur tal-kura tas-saħħa u tal-farmaċewtika, u li ttejjeb jew saħansitra ssalva l-ħajjiet madwar l-UE. Tista' tgħin għal deċiżjonijiet kliniċi aktar bikrija u aktar preċiżi, ittaffi l-piż amministrattiv tal-professjonisti tal-kura tas-saħħa, tappoġġa l-proċessi amministrattivi, u ttejjeb l-eżiti tal-pazjenti tul il-perkors tal-kura. Minħabba l-pressjoni dejjem akbar fuq is-sistemi tal-kura tas-saħħa, l-IA toffri għodod konkreti li jtejbu l-effiċjenza u l-kwalità, inkluż f'żoni mhux moqdiya biżżejjed jew remoti li għandhom nuqqas ta' sptarijiet, speċjalisti, jew servizzi dijanjostiċi. Lil hinn mill-kura tas-saħħa ta' rutina, kif enfasizzat fl-Istrateġija tal-UE għall-Kontromiżuri Medici¹¹, il-Kummissjoni se tippromwovi wkoll **l-użu ta' għodod tal-IA għat-tħejjija u r-rispons għall-kriżijiet tas-saħħa**, inkluż għal skoperta u monitoraġġ aktar malajr tat-theddid għas-saħħa ħalli jkollna intelligence dwar kontromiżuri mediċi.

Iżda l-użu tal-IA fil-kura tas-saħħa madwar l-UE, u l-integrazzjoni tagħha fil-flussi tax-xogħol kliniċi u fil-proċessi amministrattivi, għadhom limitati u irregolari¹². Fost l-ostakli hemm id-disponibbiltà ta' data ta' kwalità, l-eteroġeneità tal-infrastrutturi, u n-nuqqas ta' litteriżmu, ħiliet u fiduċja fl-IA fost il-professjonisti tal-kura tas-saħħa. Hemm bżonn azzjonijiet li jrawmu l-

⁸ https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/14625-Apply-AI-Strategy/public-consultation_en

⁹ https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/14625-Apply-AI-Strategy_en

¹⁰ Fost dawn hemm Orizzont Ewropa, il-programm Ewropa Diġitali, l-UE għas-Saħħa, u Ewropa Kreattiva. COM(2025) 529 final.

¹² <https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/9ddf7bf8-62bf-11f0-bf4e-01aa75ed71a1/language-en#:~:text=Using%20a%20mixed%20methods%20approach%2C%20entailing%20a%20literature.and%20business%20challenge%2C%20and%20social%20and%20cultural%20barriers>

investiment, jinċentivaw l-innovazzjoni u jippromwovu kollaborazzjoni multidixxiplinarja transfruntiera biex l-IA tkun tista' tipprovdi l-benefiċċji kollha tagħha għas-sistemi tal-kura tas-saħħa u għaċ-ċittadini¹³.

Biex tappoġġa l-politika li tpoġġi l-IA l-ewwel fis-settur tal-kura tas-saħħa, il-Kummissjoni se:

- **tistabbilixxi ċentri Ewropej tal-iskrinjar avvanzati u mħaddma bl-IA** ħalli fil-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa titħaffef l-introduzzjoni ta' għodod innovattivi għall-prevenzjoni u għat-tfassil tad-dijanjożi u biex is-servizzi tal-kura tas-saħħa jaslu f'żoni li mhumiex moqdi jin biżżejjed. L-inizjattiva għandha l-għan li ttejjeb l-iskoperta bikrija u li tiżgura dijanjożi fil-ħin, b'mod partikolari għall-mard tal-qalb u għall-kanċer. Se tħaddem approċċ li tiżgura li l-iskrinjar u d-dijanjożi mħaddma bl-IA jkunu jqisu fatturi speċifiċi skont il-ġeneru¹⁴. Huma u jużaw is-soluzzjonijiet tal-IA, dawn iċ-ċentri jkunu qed jappoġġaw il-validazzjoni klinika fid-dinja reali u l-ittestjar tal-prestazzjoni lokali, filwaqt li jiġġeneraw evidenza għall-adozzjoni klinika¹⁵. In-network ta' dawn iċ-ċentri mħaddma bl-IA se jiffaċilita l-aċċess għal settijiet tad-data ta' kwalità għolja abbażi tal-Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħha¹⁶ kif ukoll l-infrastrutturi diġitali Ewropej tal-immaġnijiet tal-kanċer¹⁷ u d-data ġenomika¹⁸, u se jappoġġa l-ittestjar u l-validazzjoni ta' mudelli tal-IA promettenti, inkluż għal prevenzjoni personalizzata. Dan se jibni fuq l-azzjonijiet rilevanti tal-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer, tal-Istrateġija għax-Xjenzi tal-Ħajja, u tal-Pjan tas-Saħħa Kardjovaskulari tal-UE li jmiss.
- **tistabbilixxi Network Ewropew ta' Għarfien Espert dwar l-Implimentazzjoni tal-IA fil-Kura tas-Saħħa** biex tikkonsolida l-linji gwida u l-aqwa Prattiki. Dan se jipprovdi playbooks dwar l-implimentazzjoni, linji gwida, inkluż dwar il-validazzjoni lokali (il-prestazzjoni fil-prattika klinika) u monitoraġġ ta' wara l-implimentazzjoni, prinċipji tad-disinn u jifrex il-pedamenti għall-iskambju tal-aqwa Prattiki tal-użu tal-IA fil-kura tas-saħħa.

L-IA qed tirrivoluzzjona wkoll l-**iżvilupp tal-mediċini**, minn skoperta malajr tal-mediċini sa għajjnuna għal monitoraġġ tal-effetti negattivi tagħhom. L-immudellar u s-simulazzjonijiet ibbażati fuq l-IA jistgħu jħaffu l-iskoperta ta' alternattivi ġodda tat-trattament u jidentifikaw użi terapewtiċi ġodda għall-mediċini eżistenti, bħal pereżempju antibijotiċi ġodda, u jtejjbu l-previżjonijiet tas-sikurezza u tal-effikaċja. Minħabba f'hekk, l-għadd ta' privattivi tal-IA relatati mal-kura tas-saħħa ppubblikati kull sena fl-Istati Membri tal-UE żdied b'20 darba bejn l-2016 u l-2024¹⁹. Biex naħtfu l-potenzjal kollu tal-IA fl-iżvilupp tal-mediċina se jkun hemm bżonn progress kontinwu fit-tiswir ta' mudelli bażi sodi tal-IA, u sforzi li jiżguraw l-affidabbiltà, it-trasparenza u r-rilevanza klinika tagħhom – prijorità partikolarment importanti biex tiġi xprunata l-innovazzjoni fis-settur tal-bijoteknoloġija²⁰.

Apparat mediku li jinkorpora applikazzjonijiet tal-IA jista' jwassal għal progress enormi fil-għoti tal-kura tas-saħħa, meta wieħed iqis l-isfidi attwali tas-sistemi tas-saħħa, bħall-iskarsezzi

¹³ Ngħidu aħna bil-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer, u bin-Network tagħha ta' Għarfien Espert dwar il-Kanċer, u n-Network tal-UE li jorbot liċ-Ċentri Nazzjonali Komprensivi tal-Kanċer rikonnoxxuti.

¹⁴ Pereżempju ara: [Gender medicine: effects of sex and gender on cardiovascular disease manifestation and outcomes | Nature Reviews Cardiology](#).

¹⁵ Il-pedamenti għal dan ix-xogħol se jiġu stabbiliti b'azzjonijiet iffinażjati mill-programm ta' ħidma 2025-2027 tal-programm Ewropa Diġitali u mill-proġett [COMPASS-AI](#).

¹⁶ https://health.ec.europa.eu/ehealth-digital-health-and-care/european-health-data-space-regulation-ehds_en

¹⁷ <https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/policies/cancer-imaging>

¹⁸ <https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/policies/1-million-genomes>

¹⁹ [Study on the deployment of AI in healthcare, il-Kummissjoni Ewropea, 2025.](#)

²⁰ Il-Kummissjoni hija impenjata li taħdem fuq dan ukoll fl-Att Ewropew dwar il-Bijoteknoloġija li jmiss, maħsub biex jippermetti l-innovazzjoni u jixpruna l-kompetittività tal-UE fis-setturi tal-bijoteknoloġija.

tal-ħaddiema. Hu importanti li l-qafas regolatorju tal-UE joħloq ambjent ta' appoġġ għall-innovazzjoni.

Biex tappoġġa l-adozzjoni tal-IA fl-iżvilupp tal-mediċina, il-Kummissjoni se:

- **tniedi sfida għal skoperti tal-mediċini bl-IA, għal mediċini ġodda potenzjali li jistgħu jintużaw għal bżonnijiet mediċi li għadhom mhumiex issodisfati u għal trattamenti ta' mard li jidher diffiċli li jitfejjaq, bħall-marda ta' Alzheimer jew ċerti kanċers.** Ir-rebbieħ tal-isfida jikseb aċċess dedikat għall-kapaċità komputazzjonali tal-Fabbriki tal-IA u għal konsulenza fuq kif iwassal l-iskoperti tiegħu fis-suq.
- **tipproponi azzjonijiet xierqa biex tissimplifika u tippermetti introduzzjoni aktar malajr fis-suq ta' apparati mediċi mingħajr ma tikkomprometti s-sikurezza.**

2.2. Ir-robotika

L-Ewropa tinsab fuq quddiem nett fir-rivoluzzjoni tar-robotika – l-“IA fiżika” – b'installazzjoni ta' aktar minn 90 000 robot industrijali fl-2023 u b'aktar minn 400 produttur tar-robotika tas-servizzi, . Filwaqt li tibni fuq l-eċċellenza tal-mekkatronika, tas-sensuri u tal-mikrokontrolluri, l-integrazzjoni tal-IA se tippermetti lill-iżviluppaturi tal-UE jaslu għal bosta innovazzjonijiet varji, minn robots konjittivi sa droni awtonomi, u jħallu firxa kbira ta' impatti fuq il-manifattura, il-kura tas-saħħa, l-agrikoltura, id-difiża, u l-bqija. L-UE hija partikolarment b'saħħitha fir-robotika industrijali, għax ir-robots kollaborattivi, jiġifieri l-hekk imsejħa “cobots”, jippermettu interazzjoni sikura u effiċjenti bejn il-bniedem u r-robots, jgħinu biex jittaffew l-iskarsessi tal-ħaddiema u jnaqqsu l-esponiment tal-ħaddiema għal xogħol tedjanti jew perikoluż. Madankollu, jekk l-UE trid tibqa' pijuniera fl-innovazzjoni f'dan il-qasam, ir-robotika jeħtieġ tkompli tiżviluppa bl-integrazzjoni tal-IA ġenerattiva u bl-adozzjoni ta' soluzzjonijiet Ewropej.

Biex tappoġġa l-adozzjoni tal-IA fis-settur tar-robotika, il-Kummissjoni se:

- **tistabilixxi Katalizzatur għall-adozzjoni tar-Robotika Ewropea**, li jlaqqa' flimkien lill-iżviluppaturi u lill-industriji utenti biex iħaffu l-iżvilupp u l-adozzjoni tas-soluzzjonijiet Ewropej li jaqblu mal-ħtiġijiet tas-suq. Dan se jsir b'kollaborazzjoni mal-Assoċjazzjoni għall-IA, id-Data u r-Robotika²¹. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni se tiffinanzja l-iżvilupp ta' **Pipelines ta' Aċċellerazzjoni settorjali għall-adozzjoni tar-robotika mħaddma bl-IA**, b'enfasi fuq il-każijiet tal-użu b'impatt għoli, prijoritizzati b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-industriji tal-utenti finali, u filwaqt li tiżgura innovazzjoni allinjata mal-ħtiġijiet tad-dinja reali.

2.3. Il-manifattura, l-inġinerija u l-kostruzzjoni

Is-settur Ewropew tal-manifattura fih 2.2 miljun intrapriża, l-aktar SMEs, li jimpjegaw 30 miljun persuna u jiġġeneraw madwar 14% tal-PDG tal-UE²². Mill-iżvilupp ta' materjali ġodda (aktar nodfa) sal-katina tal-provvista u l-loġistika, il-manifattura tinkludi firxa wiesgħa ta' segmenti interrelatati li jvarjaw minn industriji tradizzjonali u tat-teknoloġija avvanzata sal-kostruzzjoni jew il-loġistika. Minkejja l-preġi tal-UE fil-manifattura tat-teknoloġija medja u għolja f'setturi bħall-inġinerija mekkanika u elettrika, is-sustanzi kimiċi, u l-makkinarju, il-produtturi qed tersaq lejn reġjuni b'inqas kostijiet, tnaqqas il-kompetittività u ddgħajjef ir-

²¹ <https://adr-association.eu>

²² 2024, Il-Bank Dinji, Trading Economics.

reżiljenza u l-awtonomija strateġika. Madankollu, il-potenzjal trasformattiv tal-IA u tal-awtomatizzazzjoni jista' jreġġa' lura din ix-xejra.

L-IA tista' ttejjeb l-effiċjenza, il-preċiżjoni u l-adattabilità f'diversi proċessi tal-produzzjoni. Il-pedament ta' din it-trasformazzjoni hu l-użu ta' tewmin diġitali mħaddmin bl-IA, b'mod li l-kumpaniji jkunu jistgħu jwettqu simulazzjonijiet kumplessi u xenarji ipotetiċi f'ambjenti virtwali. Illum il-ġurnata diġà qed jintużaw fis-setturi tal-manifattura biex jiffaċilitaw il-manutenzjoni predittiva²³ u jgħinu fid-disinn u l-ottimizzazzjoni tal-operat tal-ktajjen sħaħ tal-provvista, tal-ħwienet u tal-flussi tax-xogħol ewlenin tul il-produzzjoni tagħhom. Billi joħolqu mudelli diġitali intelliġenti ta' binjiet, prodotti, magni u proċessi tal-manifattura, il-kumpaniji jistgħu jittestjaw, itejbu u jirfinaw l-operazzjonijiet tagħhom qabel ma jagħmlu l-bidliet fid-dinja reali.

Biex tappoġġa l-adozzjoni tal-IA fis-settur tal-manifattura, il-Kummissjoni se:

- **tappoġġa l-iżvilupp ta' mudell tal-IA pijuniera u aġenti tal-IA adattati għall-manifattura.** Filwaqt li tibni fuq l-Ispazji tad-Data tal-Manifattura²⁴ u fuq l-Istrateġija li jmiss għal Unjoni tad-Data, il-Kummissjoni se tiffaċilita l-ġbir tad-data fost l-atturi industrijali **tramite partijiet terzi fdati**, biex tiżgura volum biżżejjed ta' data għat-taħriġ, filwaqt li tħares il-proprjetà intellettuali u s-sigurtà tad-data u tuża l-laboratorji tad-data kif rilevanti fil-Fabbriki tal-IA.
- **tiffinanzja l-iżvilupp ta' Pipelines ta' Aċċellerazzjoni għall-adozzjoni tal-IA fil-manifattura, filwaqt li tnaqqas d-distakk b'mod aktar effettiv bejn il-laboratorji tar-riċerka u l-implimentazzjoni.** Dawn il-proġetti se jħaffu l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet tal-manifattura mħaddma bl-IA li jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-industrija, billi jipprovdu appoġġ kontinwu, u jiżguraw li dawk is-soluzzjonijiet jitilqu mill-laboratorju u jiksbu livell għoli ta' maturità li jkun adattat għall-applikazzjonijiet tad-dinja reali.

2.4. Id-difiża, is-sigurtà u l-ispazju

L-IA feġġet bħala teknoloġija fixkiela kritika b'impatt profond fuq il-ġeopolitika, is-sigurtà u d-difiża. Kif enfasizzat il-**White Paper għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030**²⁵, it-teknoloġiji l-ġodda, fosthom l-IA²⁶ qed ibiddu mill-qiegħ in-natura tal-gwerer. Ir-rwol tal-IA għad-difiża mistenni jiżdied radikalment fid-dawl tal-interess dejjem akbar fl-applikazzjonijiet tal-IA b'użu doppju u, b'mod partikolari, l-aspettattiva li l-mudelli pijunieri għandhom il-potenzjal li jipprovdu superjorità strateġika u militari. L-IA tista' tipprovdi ċertu vantaġġ strateġiku jekk tintuża għall-vetturi bla ekwipaġġ, tista' tipprovdi għarfien sitwazzjonali u rikonnoxximent tat-tendenzi fil-kamp tal-battalja, u tista' tipprovdi appoġġ lill-armamenti (bħall-ajruplani tal-gwerra) jew meta tintuża għall-awtomatizzazzjoni ta' xi parti mill-prodotti tad-difiża, bħad-droni. Kif ħabbret il-White Paper, sa tmiem l-2025 se jiġi ppreżentat il-**Pjan Direzzjonali Teknoloġiku Ewropew għall-Armamenti** biex irawwem integrazzjoni aktar malajr tat-teknoloġiji kritiċi rivoluzzjonarji, inkluż l-IA, fil-kapaċitajiet tad-difiża, biex tinkiseb prontezza Ewropea għad-difiża sal-2030, f'konformità mal-interessi u mal-oġġettivi ekonomiċi u tas-sigurtà tal-Unjoni.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tikkofinanzja ċerti kapaċitajiet komputazzjonali mal-Istati Membri, inkluż f'sinerġija mad-difiża. L-Istati Membri, permezz tal-pjanijiet nazzjonali

²³ Analiżi tad-data mis-sensuri tal-makkinarju biex titbassar il-ħsara fit-tagħmir qabel tiġri.

²⁴ <https://manufacturingdataspace-csa.eu/>

²⁵ https://www.eeas.europa.eu/eeas/white-paper-for-european-defence-readiness-2030_en

²⁶ Il-Pjan Direzzjonali li jmiss għall-Implimentazzjoni tal-IA fil-Politika Estera u tas-Sigurtà Komuni u fil-Politika tas-Sigurtà u tad-Difiża Komuni se jistabbilixxi qafas għal azzjoni koordinata li tavanza l-kapaċitajiet tal-IA fil-qasam tas-sigurtà u tad-difiża.

tagħhom, jistgħu jibbenefikaw ukoll minn **Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE)** biex jinvestu f'oqsma ewlenin tad-difiża, inkluż fit-tagħmir imħaddem bl-IA u ċ-ċibersigurtà.

Barra minn hekk, il-**Viżjoni għall-Ekonomija Spazjali Ewropea**²⁷ tagħraf ir-rwol kruċjali tal-IA biex tingħata spinta lill-kompetittività u lir-reżiljenza tas-settur spazjali tal-UE. L-IA tirrivoluzzjona l-mod kif jiġu ddisinjati, manifatturati u operati s-sistemi spazjali. Bl-istess mod, l-IA hija kruċjali għall-infrastruttura fl-art biex timmaniġġa l-megakostellazzjonijiet futuri u jinkisbu l-kapaċitajiet ta' mmudellar ta' data spazjali kbira. Din hija r-raġuni għalfejn, biex taħtaf il-potenzjal kollu tas-sistemi spazjali tal-UE, il-Kummissjoni se tteġġeg, meta applikabbli, ambjent li jiffaċilita l-integrazzjoni tal-kapaċitajiet u tat-teknoloġiji tal-IA, ħalli tiġiebi il-prestazzjoni u jiżiedu l-effiċjenza u s-sigurtà. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni se tappoġġa l-iżvilupp ta' mudelli pijunieri sovrani u sistemi tal-IA b'aġenzija, filwaqt li tiżgura li s-sikurezza tkun inkorporata bid-disinn.

Biex tappoġġa l-politika li tpoġġi l-IA l-ewwel fis-settur tad-difiża u tal-ispazju, il-Kummissjoni se:

- **tħaffef l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-għarfien sitwazzjonali u l-kapaċitajiet C2 (Kmand u Kontroll) Ewropej abilitati bl-AI** permezz tal-Fond Ewropew għad-Difiża (EDF), filwaqt li tinċentiva wkoll soluzzjonijiet b'arkitettura miftuħa u b'użu doppju għas-sigurtà fil-fruntieri u għall-protezzjoni tal-infrastruttura kritika, filwaqt li tiżgura l-interoperabbiltà b'appoġġ għall-inizjattivi ewlenin tad-difiża, fosthom l-Għassa tan-Naħa tal-Lvant u l-Ħajt kontra d-Droni, speċjalment għall-integrazzjoni ta' karatteristiċi awtonomi f'diversi soluzzjonijiet.
- **tuża infrastruttura Ewropea strateġika u dedikata b'kapaċitajiet ta' qawwa komputazzjonali mill-aktar siguri** (eż. fabrika/gigafabbrika tal-IA) għat-taħriġ ta' mudelli tal-IA dwar id-difiża u l-ispazju, u għall-iżvilupp ta' applikazzjonijiet tal-IA dwar id-difiża u l-ispazju.
- **tappoġġa l-konformità tal-IA fil-manifattura u fl-operazzjonijiet spazjali tal-UE, inkluż fl-infrastruttura fl-orbita u fuq l-art**, b'manifattura avvanzata, robotika, komputerrazzjoni edge/fl-orbita apposta, networks tad-data bbażati fl-ispazju, tagħmir għall-ipproċessar tas-sinjali, sistemi tal-Kmand u tal-Kontroll.

Il-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) se jżewġu l-azzjonijiet ta' prijorità msemmija hawn fuq mal-impenji, l-inizjattivi u l-azzjonijiet ikkoordinati mwiegħda mill-Istati Membri tul il-proċess tal-Pjan Direzzjonali għall-Prontezza għad-Difiża, kif ukoll mal-qafas u l-inizjattivi rilevanti maħsuba biex titħaffef l-adozzjoni tal-IA fid-difiża, inkluż bl-ingranaġġ tal-EDF u taċ-Ċentru ta' l-Innovazzjoni fid-Difiża tal-UE (HEDI) tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża.

Kif enfasizzat **ProtectEU, l-Istrateġija tas-Sigurtà Interna għall-UE**²⁸, l-IA qed issir ukoll għodda essenzjali biex ikunu żgurati s-sigurtà interna u ċ-ċibersigurtà, għax l-Istati u ċ-ċittadini qed iġarrbu theddid diġitali dejjem aktar kumpless u li qed jinbidel malajr. L-organizzazzjonijiet terroristiċi u tal-kriminalità organizzata qed jużaw dejjem aktar teknoloġiji bbażati fuq l-IA biex iħaffu, itejbu u jwessgħu l-firxa tal-attivitajiet illeċiti tagħhom. Iċ-ċiberkriminalità, is-sabotaġġ u t-terroriżmu jitħalltu f'attakki ibridi minn atturi malizzjużi li jisfruttaw l-IA għal dak il-għan. Għalhekk jeħtieġ niżguraw li nimplimentaw malajr ċerti soluzzjonijiet ibbażati fuq l-IA għas-sigurtà interna u għaċ-ċibersigurtà. Dawn jappoġġaw ħidmet l-awtoritajiet fit-tweġiq ta' kompiti kumplessi tas-sigurtà, jgħinu fil-għieda kontra l-użu malizzjuż tal-IA, jidentifikaw anomaliji, janalizzaw, u jirreaġixxu għall-inċidenti b'modi aktar

²⁷

https://defence-industry-space.ec.europa.eu/vision-european-space-economy_en

²⁸

<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX%3A52025DC0148>

effettivi. Bis-saħħa tagħhom, l-attakki se jinqabdu aktar malajr, jittieħdu deċiżjonijiet aħjar, filwaqt li r-riżorsi jintużaw b’mod aktar effiċjenti.

Biex tappoġġa l-politika li tpoġġi l-IA l-ewwel fis-sigurtà interna, inkluż fiċ-ċibersigurtà, il-Kummissjoni se:

- **trawwem l-iżvilupp u l-adozzjoni ta’ soluzzjonijiet tal-IA²⁹ għal finijiet tas-sigurtà interna**, inkluż billi tappoġġa r-riċerka u l-innovazzjoni applikati u tistimula l-introduzzjoni fis-suq ta’ soluzzjonijiet tal-IA li jkunu mfasslin apposta biex jintużaw fis-sigurtà interna.
- **tiffinanzja proġetti li jgħolqu u jimplementaw għodod, teknoloġiji u servizzi taċ-ċibersigurtà bbażati fuq l-IA** li jindirizzaw l-identifikazzjoni tat-theddid u tal-vulnerabbiltajiet, il-mitigazzjoni tat-theddid, l-irkupru mill-inċidenti b’azzjonijiet awtoriparatorji, l-analiżi u l-kondiviżjoni tad-data.
- **tappoġġa l-interoperabbiltà u l-integrazzjoni affidabbli tal-IA fl-arkitetturi, fl-infrastrutturi u fis-sorveljanza tat-theddid taċ-ċibersigurtà**, inkluż liċ-Ċentri Ċibernetiċi u liċ-Ċentri tas-Sigurtà tal-Kejbils futuri, u għall-ambjenti diġitali b’użu doppju u rilevanti għad-difiża,

2.5. Il-mobbiltà, it-trasport u l-karozzi

Is-settur tal-mobbiltà hu kruċjali għall-ekonomija Ewropea u għal trasformazzjoni sostenibbli tal-Ewropa. L-IA diġà tintuża b’mod wiesa’ u tħalli impatt qawwi fuq is-settur, mill-ottimizzazzjoni tar-rotot sa sistemi avanzati li jassistu lis-sewwieqa. It-teknoloġiji awtomatizzati tat-trasport u tal-mobbiltà bbażati fuq l-IA qed jinfirxu malajr fil-modi kollha tat-trasport. Dawn jgħinu għal mobbiltà aktar sikura u sostenibbli billi jtejbu l-flussi tat-traffiku, il-loġistika, u l-ippjanar tat-trasport. Ngħidu aħna, il-vetturi awtomatizzati³⁰ (AVs) jippermettu servizzi flessibbli u kosteffettivi u jgħinu biex tissolva l-problema ta’ nuqqas ta’ sewwieqa³¹. Iżda l-implimentazzjoni tagħhom qed tixxekkel minħabba sfidi teknoloġiċi, regolatorji u ekonomiċi. L-interazzjoni tar-regolamenti fil-livell nazzjonali u tal-UE tikkomplika l-ittestjar, l-approvazzjoni u t-tħaddim tal-AVs fid-dinja reali. Ċerti kwistjonijiet ta’ fiduċja, diffikultajiet fl-aċċess għal data għat-taħriġ ta’ kwalità għolja, u n-nuqqas ta’ implimentazzjoni adegwata tal-infrastrutturi tat-trasport u diġitali qed ikomplu jfjixklu l-adozzjoni.

Biex tappoġġa l-politika li tpoġġi l-IA l-ewwel fis-settur tal-mobbiltà, il-Kummissjoni se:

- tisfrutta l-fabbriki u l-gigafabbriki tal-IA biex **tħaffef l-iżvilupp ta’ mudelli innovattivi tal-IA u pjattaformi komuni tas-software għal sistemi awtomatizzati tas-sewqan u tal-ġestjoni tal-vetturi** fl-ambitu tal-Alleanza Ewropea għall-Vetturi Konnessi u Awtonomi³².
- **tniedi inizjattiva “Bliet b’Ambizzjoni ta’ Sewqan Awtonomu”** biex b’ħidma mal-fornituri Ewropej tħaffef l-implimentazzjoni ta’ servizzi operazzjonali, bħala parti mill-ambjenti tal-ittestjar transfruntieri fuq skala kbira mħabbra fil-Pjan ta’ Azzjoni għas-

²⁹ COM(2025)349 final, Pjan direzzjonali dwar l-aċċess legali u effettiv għad-data għall-infurzar tal-liġi.

³⁰ It-terminu “vettura” jkopri l-modi kollha tat-trasport, jiġifieri bit-triq, bil-ferrovija, bl-ajru, bil-baħar, u bil-passaġġi fuq l-ilma interni.

³¹ Iċ-Ċentru Kongunt tar-Riċerka, *Requirements for Inclusive Automated Vehicle Services: Insights for Vehicle and Smartphone Application Design*, 2025, <https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC142261>.

³² Building on the Action Plan for the European Automotive Industry, https://transport.ec.europa.eu/document/download/89b3143e-09b6-4ae6-a826-932b90ed0816_en. Il-Memorandum ta’ Qbil bejn is-shubijiet 2Zero, CCAM, u BATT4EU se jkompli jsaħħah ir-rabti taċ-ċipep, mal-IA u mar-robotika: https://ec.europa.eu/commission/presscorner/api/files/document/print/en/ip_25_2090/IP_25_2090_EN.pdf

Settur Awtomobilistiku. Filwaqt li tibni fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Alleanza Ewropea għall-Vetturi Konnessi u Awtonomi³³, din tiffoka fuq il-vetturi awtonomi abilitati bl-IA (il-vetturi robot) u fuq l-ivvjaġġar awtonomu minn post sa post fil-bliet, l-istabbiliment ta' impriżi konġunti operazzjonali u l-ingranaġġ tal-miżuri tal-innovazzjoni tal-Att dwar l-IA li jkunu lesti għall-użu, b'rabta mal-ambjenti tal-esperimentazzjoni regolatorja u l-ittestjar fid-dinja reali.

2.6. Il-komunikazzjonijiet elettroniċi

L-integrazzjoni tal-IA fis-settur tal-**komunikazzjoni elettronika** żdiedet ġmielha fl-aħħar snin, bis-saħħa ta' domanda dejjem akbar għal awtomatizzazzjoni, ottimizzazzjoni tan-network, u esperjenza aħjar tal-klijenti. 65% tal-operaturi madwar id-dinja qed jistabbilixxu strateġiji tal-IA u jittestjaw attivament ċerti soluzzjonijiet ibbażati fuq l-IA fl-operazzjonijiet tan-network u tas-servizzi tal-konsumaturi³⁴. L-IA għandha potenzjal kbir, speċjalment b'ġestjoni aktar intelliġenti tan-network u innovazzjoni tas-servizzi³⁵. Iżda l-impatt tagħha f'dan il-qasam għadu limitat minħabba n-nuqqas ta' pjattaformi miftuħa u n-nuqqas ta' kapaċità fl-apparati edge.

Biex tappoġġa l-politika li tpoġġi l-IA l-ewwel fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika, il-Kummissjoni se:

- **tippromwovi l-kapaċitajiet tal-UE fl-apparati edge tal-IA** billi ttipprovdi appoġġ apposta fi ħdan l-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti u l-Impriża Konġunta taċ-Ċipep.
- **toħloq pjattaforma Ewropea tal-IA għat-Telekomunikazzjoni** (azzjoni pilota ta' stack tal-IA permezz tal-programm Ewropa Diġitali) **għall-operaturi, għall-bejgiegħa u għall-industriji utenti tat-telekomunikazzjoni** biex jibnu elementi ta' stack tal-IA b'mod kollaborattiv³⁶, inkluż saffi tal-medjazzjoni, inġinerija tad-data, interfaċċi tal-cloud, u servizzi tal-IA, potenzjalment abbażi ta' sors miftuħ.

2.7. L-enerġija

L-IA għandha l-potenzjal li ttejjeb l-effiċjenza enerġetika tul il-katina kollha tal-valur ekonomiku. Minn ġestjoni aħjar tal-grilja u integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli sa użu aktar effiċjenti tal-infrastruttura eżistenti jew ottimizzazzjoni tal-kapaċitajiet tal-ħżin. Lill-kumpaniji, l-għodod tal-IA jgħinuhom jiffrankaw l-enerġija b'disinn u tħaddim ottimizzati tal-bini, u jnaqqsu l-kostijiet tal-enerġija billi jawtomatizzaw ix-xiri/il-bejgħ tal-enerġija. Fl-aħħar nett, għodod emerġenti bbażati fuq l-IA jistgħu jagħtu r-riedni f'idejn iċ-ċittadini u n-negozji biex jimmaniġġaw aħjar l-użu tal-enerġija tagħhom u jgħinuhom jinnavigaw fost l-offerti tal-enerġija li jkun hemm għalihom. Fl-istess ħin, l-enerġija hija settur kritiku, li jipprovdi l-elettriku meħtieġ għall-ekonomija diġitali u għaċ-ċentri tad-data tal-Ewropa li tant qed jikbru.

Iżda l-adozzjoni tal-IA fis-settur tal-enerġija mhix uniformi. Il-progress fil-ġestjoni tal-grilja, fil-flessibbiltà min-naħa tad-domanda³⁷ u fl-ippjanar tal-infrastruttura³⁸ miexi bil-mod

³³ Sejħa miftuħa għal sħubija fl-Alleanza: <https://ec.europa.eu/eusurvey/runner/75555fa5-6d3c-253b-cefc-1c9b4f8daadf>

³⁴ <https://www.gsmainelligence.com/research/telco-ai-state-of-the-market-q4-2024>

³⁵ Inkluż permezz ta' apparat mobbli u edge computing.

³⁶ F'konformità mar-regoli tal-UE dwar il-kompetizzjoni, meta rilevanti, inkluż il-Linji Gwida dwar l-applikabbiltà tal-Artikolu 101 tat-TFUE għall-ftehimiet ta' kooperazzjoni orizzontali.

³⁷ Il-flessibbiltà min-naħa tad-domanda tirreferi għall-kapaċità li l-konsum tal-elettriku jiġi aġġustat b'reazzjoni għal sinjali esterni, bħal bidliet fil-prezzijiet jew fid-domandi tal-grilja. B'hekk, il-konsumaturi jkunu jistgħu jibdlu, inaqqsu jew iżidu l-użu tal-enerġija tagħhom tul perjodi speċifiċi, b'mod partikolari waqt l-aktar ħinijiet intensivi, biex jgħinu fil-bilanċ tal-grilja u jnaqqsu l-ħtieġa għal kapaċità ta' ġenerazzjoni addizzjonali.

³⁸ Kull sentejn, in-Network Ewropew għall-Operaturi tas-Sistemi ta' Trażmissjoni tal-Elettriku (ENTSO-E) jiżviluppa pjan ta' għaxar snin għall-iżvilupp tan-network madwar l-Unjoni kollha (TYNDP). Aktar riċenti, id-Direttiva 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku u li temenda d-Direttiva 2012/27/UE (id-

minħabba r-rekwiżiti stretti tas-sikurezza, governanza frammentata u kondiviżjoni limitata tad-data.

Biex thegħeġ l-użu tal-IA ħalli jitjiebu l-ġestjoni tal-grilja u l-effiċjenza enerġetika, il-Kummissjoni se:

- **tappoġġa l-iżvilupp ta' mudelli tal-IA li javvanzaw it-tbassir, l-ottimizzazzjoni, it-tewmin diġitali, u l-ibbilanċjar tas-sistema fis-sistema tal-enerġija.** Dawn l-attivitajiet għandhom jiġu appoġġati permezz ta' ingranaġġ tal-infrastruttura, tas-software u tal-għodod tal-IA tal-cloud-edge-IoT biex isiru sinsla diġitali tal-assi kollha tas-sistema tal-enerġija, u b'hekk tkun żgurata kondiviżjoni tad-data sigura, effiċjenti u affidabbli madwar l-ekosistema kollha tal-enerġija.

L-IA qed ittejjeb il-konsum u l-effiċjenza tal-enerġija f'diversi setturi. Iżda l-mudelli u s-sistemi avvanzati tal-IA jikkunsmaw ukoll enerġija sinifikanti, b'mod partikolari fiċ-ċentri tad-data. Il-Pjan Direzzjonali Strateġiku li jmiss dwar id-Diġitalizzazzjoni u l-IA għas-Settur tal-Enerġija se jkompli jellabora fuq l-użu tal-IA fis-sistema tal-enerġija u, flimkien mal-Att dwar l-Iżvilupp tal-Cloud u tal-IA, se jindirizza strateġiji biex jiżgura li jkun hemm riżorsi tal-enerġija biex tiġi żviluppata l-IA, pereżempju billi tittejjeb l-effiċjenza enerġetika fiċ-ċentri tad-data. Barra minn hekk, jeħtieġ jinftiehem aħjar l-impatt tal-arkitettura tal-algoritmi tal-IA fuq ix-xejriet tal-konsum tal-enerġija. Għalhekk, kif previst fl-Att dwar l-IA, il-Kummissjoni se **tadotta talba ta' standardizzazzjoni dwar proċessi komuni tar-rapportar u tad-dokumentazzjoni dwar l-impatt tas-sistemi tal-IA u l-mudelli bi skop ġenerali fuq il-konsum tal-enerġija.**

2.8. Il-klima u l-ambjent

L-Ewropa tospita ħafna organizzazzjonijiet ewlenin tal-innovazzjoni klimatika u ambjentali. Mill-2019, in-negozji l-ġodda tal-IA f'dawn is-setturi attiraw madwar EUR 700 miljun f'kapital tar-riskju³⁹. B'mod partikolari, l-IA ilha s-snin tintuża fil-monitoraġġ ambjentali, fit-tbassir u fl-osservazzjoni tad-Dinja. Din tista' ttejjeb is-sistemi ta' twissija bikrija għan-nirien, l-għargħar, in-nixfiet, is-sħanat, l-għajnuna f'każ ta' diżastri, u tista' tgħin fl-immaniġġjar tal-ilma⁴⁰ u fit-teħid tad-deċiżjonijiet dwar ir-reżiljenza u l-preparatezza għat-tibdil fil-klima. Inizjattivi rivoluzzjonarji bħal Destinazzjoni d-Dinja⁴¹ u t-Tewmi Diġitali Ewropew tal-Oċean⁴² jipprovdu simulazzjonijiet interattivi b'riżoluzzjoni qawwija u b'kapaċità ta' tbassir bla preċedent.

Iżda minkejja dawn l-avvanzi, il-potenzjal kollu tal-IA għall-azzjoni klimatika u ambjentali għadu mhux jinħataf, minħabba l-kumplessità xjentifika u teknoloġika tal-immudellar klimatiku u ambjentali bbażat fuq l-IA, u minħabba diskrepanzi persistenti fil-kapaċità u fil-ħiliet fost l-awtoritajiet lokali, l-SMEs, u s-soċjetà ċivili. L-ekosistema frammentata tal-għodod, tas-settijiet tad-data u tas-servizzi tal-IA dwar il-klima u l-ambjent tkompli taggrava dawn l-isfidi, u xxekkel l-adozzjoni u l-impatt estensivi tagħhom.

Biex tappoġġa l-politika li tpoġġi l-IA l-ewwel fis-settur tal-klima u l-ambjent, il-Kummissjoni se:

Direttiva dwar l-Elettriku) tobligha lill-operaturi tas-sistema tad-distribuzzjoni (DSO) biex iħeġju regolarment pjanijiet tal-iżvilupp tan-network tad-distribuzzjoni (DNDS) u jipubblikawhom.

³⁹ <https://dealroom.co/eu-apply-ai-climate-environment>

⁴⁰ L-Istrateġija għar-Reżiljenza tal-Ilma, adottata f'Ġunju 2025, hi maħsuba biex tnaqqas l-impronta tal-ilma, inkluż tal-installazzjonijiet tal-kompjuters billi żżid iċ-ċirkolarità tagħhom permezz ta' użu mill-ġdid tal-ilma, effiċjenza u tkessiħ niexef.

⁴¹ <https://destination-earth.eu/>

⁴² <https://www.edito.eu/>

- **tuża mudell pijunier tas-sistema tad-Dinja bbażata fuq l-IA u b'sors miftuħ**, u applikazzjonijiet u servizzi relatati mħaddma bl-IA li jippermettu tbassir aħjar tat-temp, monitoraġġ tad-Dinja, u xenarji ipotetiċi, bħala l-pass li jmiss ta' **Destinazzjoni d-Dinja**. Dan se jkun imħarreġ bis-siħ fil-Fabbriki tal-IA tal-UE u se jħaddem approċċ multidixxiplinari li jintegra għarfien espert differenti. Permezz ta' dan il-mudell, il-Kummissjoni se tippovdi tewmin diġitali lokali bbażati fuq l-IA għall-awtoritajiet lokali u l-atturi rilevanti (billi tintegra d-data ta' Copernicus⁴³ li hija proprjetà tal-UE) ħalli tgħinhom ibassru r-riskji u jnaqqsu l-impatti tat-tibdil fil-klima bi tħejjija aħjar u bi ppjanar urban u rurali reziljenti⁴⁴, kif ukoll b'servizzi għal ġestjoni aħjar tad-diżastri u għajnuna għall-kriżijiet.

2.9. L-agroalimentazzjoni

L-IA diġà qed tiffurma mill-ġdid il-produzzjoni agrikola f'diversi oqsma ewlenin u tista' tirrivoluzzjona l-mod kif jiġi prodott l-ikel, filwaqt li tiegħu ħsieb l-ambjent, il-klima u n-nies⁴⁵. Tista' ttejjeb il-biedja ta' preċiżjoni, u tħaddem robots u magni għax-xogħol fl-għelieqi. L-IA diġà tappoġġa lill-bdiewa b'għodod konsultattivi mmexxija bl-IA, li jagħtuhom rakkomandazzjonijiet personalizzati skont il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom.

Madankollu, ħafna applikazzjonijiet tal-biedja ta' preċiżjoni ma jaslux fis-suq minħabba nuqqas ta' data ta' kwalità għolja⁴⁶, minħabba nuqqas ta' formati komuni miftiehma, jew minħabba nuqqas ta' interoperabbiltà bejn il-pjattaformi li jkunu magħluqin għal bejjiegħ wieħed jew marbutin ma' bejjiegħ wieħed. Barra minn hekk, il-bdiewa spiss joqogħdu lura milli jadottaw soluzzjonijiet ibbażati fuq l-IA minħabba nuqqas ta' ħin u ħiliet, nuqqas ta' fiduċja fl-IA, u inċertezza dwar ir-responsabbiltà u l-biża' li jitilfu l-kontroll fuq it-teħid tad-deċiżjonijiet. F'dan il-kuntest, l-adozzjoni tal-IA fl-azjendi agrikoli Ewropej għadha limitata, speċjalment meta mqabbla ma' reġjuni oħra⁴⁷.

Biex tappoġġa l-politika li tpoġġi l-IA l-ewwel fis-settur agroalimentari, il-Kummissjoni se:

- **trawwem il-ħolqien ta' pjattaforma Agroalimentazzjoni tal-IA li tiffaċilita l-adozzjoni ta' għodod u applikazzjonijiet speċjalizzati għall-biedja abilitati bl-IA.** Il-pjattaforma tiffaċilita l-iskoperta u l-integrazzjoni tal-applikazzjonijiet, iżżid il-fiduċja fost il-bdiewa fl-applikazzjonijiet abilitati bl-IA, u tippromwovi l-iżvilupp b'sors miftuh⁴⁸.

2.10. Is-setturi kulturali u kreattivi, u l-midja

Il-potenzjal tal-IA fis-setturi kulturali u kreattivi qed jikber u qed jiftaħ bibien ġodda għall-kreattività. L-IA tista' tgħin lill-produtturi tal-films fl-istadji kollha tal-produzzjoni, filwaqt li ttejjeb ċerti proċessi bħall-istoryboarding u l-effetti speċjali. Tista' ttejjeb l-iskopribbiltà tal-midja, tal-mużika u tal-kontenut letterarju online, u b'hekk twassal għal konsum aktar varjat u ttejjeb id-distribuzzjoni tad-dħul għall-kreaturi. L-IA tista' trawwem id-diversità kulturali billi

⁴³ <https://www.copernicus.eu/en>

⁴⁴ L-IA għandha wkoll potenzjal kbir biex tassisti u timmassimizza l-potenzjal tat-tħaddim tal-valuri u l-prinċipji tal-Bauhaus Ewropea l-Għida.

⁴⁵ [Viżjoni għall-Agricoltura u għall-Ikel – Insawru flimkien settur tal-biedja u tal-ikel attraenti tal-UE għall-ġenerazzjonijiet futuri.](#)

⁴⁶ Faċilitatur importanti għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-IA fl-Agricoltura jkun l-istabbiliment ta' sistema ta' IDs uniċi tal-azjendi agrikoli, kif investigat, fost l-oħrajn, fil-Konsorzju għall-Infrastruttura Diġitali Ewropea Agroalimentari (EDIC). Faċilitatur importanti ieħor għas-suċċess tal-IA fis-settur agroalimentari hu t-tiġib tal-konnettività rurali.

⁴⁷ Stħarriġ ta' McKinsey li sar fl-2024 sab li 27% biss tal-kultivaturi Ewropej jużaw algoritmi ta' monitoraġġ tar-rendiment u 49% jużaw kontrolluri għall-isprejjar bi preċiżjoni – madwar nofs ir-rata ta' adożzjoni li hemm fl-Istati Uniti, <https://www.mckinsey.com/industries/agriculture/our-insights/global-farmer-insights-2024?com>.

⁴⁸ L-isforzi se jiġu appoġġati wkoll bi strumenti eżistenti bħall-Ispazju Komuni Ewropew tad-Data dwar l-Agricoltura <https://agridataspace-csa.eu/>, u s-sħubija "L-Agricoltura tad-Data" kofinanzjata minn Orizzont Ewropa.

tippovdi l-għarfien u l-għodod li jeħtieġu l-kreaturi biex jiżviluppaw kontenut aktar inklużiv u divers, b'mod li jkunu żgurati l-inklużjoni u l-aċċessibilita għall-persuni b'diżabbiltà. Tista' ttippersonalizza l-ġenerazzjoni tal-kontenut u żżid l-involvement tal-udjenza.

L-IA qed tappoġġa wkoll il-wirt kulturali u tista' tintuża għal diversi skopijiet bħar-restawr, ir-rikostruzzjoni, il-preservazzjoni, l-użu mill-ġdid għal produzzjonijiet virtwali, u għal involvement aktar sinifikattiv tal-utenti – u fl-aħħar mill-aħħar tappoġġa wkoll lil setturi relatati oħrajn bħat-turiżmu⁴⁹. B'mod ġenerali, l-adozzjoni tal-mudelli tal-IA tiftaħ opportunitajiet tad-deheb għal kooperazzjoni bejn is-setturi kulturali u kreattivi, filwaqt li l-industrija tal-videogames tinsab f'pożizzjoni ewlenija biex ikunu jistgħu jiġu ttestjati innovazzjonijiet trasferibbli bejn diversi industrij.

Minkejja l-potenzjal tagħha, l-adozzjoni tal-IA fis-setturi kulturali u kreattivi għadha irregolari⁵⁰, parzjalment minħabba sfidi komuni, bħall-aċċess għal mudelli etiċi, trasparenti, inklużivi u ta' kwalità għolja, il-monetizzazzjoni ta' mudelli speċjalizzati tal-IA, li jkunu żgurati sorsi tal-finanzjament diversi, u t-ktattir tal-ħiliet avvanzati. Barra minn hekk, is-setturi kulturali u kreattivi qed jittaqqqu bl-użu mhux awtorizzat tal-kontenut protett bid-drittijiet tal-awtur fit-taħriġ ta' mudelli ġenerattivi tal-IA u fl-eżiti tagħhom li jaf iħalli impatt negattiv fuq id-diversità kulturali, il-kreattività u l-pluralità tal-midja⁵¹. Barra minn hekk, il-prominenza ta' kumpaniji teknoloġiċi ewlenin fis-setturi tippreżenta dinamika kumplessa li tista' tinfluwenza d-diversità kulturali u l-kapaċità tal-innovazzjoni tal-organizzazzjonijiet iżgħar.

Biex tappoġġa l-adozzjoni tal-IA fis-setturi kulturali u kreattivi, il-Kummissjoni se⁵²:

- **trawwem l-iżvilupp ta' microstudios madwar l-UE li jkunu speċjalizzati fil-produzzjoni virtwali msaħħa bl-IA.** Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tappoġġa l-investimenti fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' mudelli Ewropej tal-IA li jiffukaw fuq ir-rakkontar interattiv u immersiv tal-istejjer, inkluż il-midja, u fuq l-iskopribbiltà tal-mużika u l-kontenut letterarju Ewropej online⁵³.
- **tgħin fl-iżvilupp ta' pjattaformi pan-Ewropej li jużaw teknoloġiji multilingwi tal-IA biex iwasslu aħbarijiet u informazzjoni fil-ħin reali mingħand mezzi tal-midja professjonali tal-UE** għand udjenzi usa'. L-IA se titħaddem biex il-kontenut jiġi adattat għall-kanali rilevanti – inkluż ix-xandir – bi klassifikazzjoni, rikonoxximent, analiżi lingwistika u traduzzjoni tal-kontenut.
- **tniedi studju apposta biex tesplora l-isfidi legali relatati mal-eżiti ġġenerati bl-IA u kif is-salvagwardji teknoloġiċi u t-teknoloġiji mill-aktar avvanzati, inkluż l-IA,**

⁴⁹ Filwaqt li t-turiżmu mhuwiex fost l-industriji fil-mira tal-Istrateġija għall-Applikazzjoni tal-IA, bla dubju hu mutur importanti tal-ekonomija Ewropea, u jikkontribwixxi għal madwar 5% tal-valur miżjud gross u jappoġġa direttament lil aktar minn 20 miljun impjeg u lil aktar minn 3 miljun intrapriża. L-integrazzjoni malajr tal-IA fit-turiżmu, mill-perspettiva tal-konsumaturi u anki tal-operaturi, qed issawwar mill-ġdid il-mod kif jiffunzjona s-settur. Għalhekk, il-Kummissjoni se tkompli tippromwovi l-użu tal-IA fit-turiżmu, b'mod li jirrispetta prattiki etiċi u l-privatezza tad-data, irawwem it-trasparenza u l-inklużività, filwaqt li jmxexxi 'l quddiem l-innovazzjoni sostenibbli.

⁵⁰ 51% tal-kumpaniji tal-videogames, 39% tal-kumpaniji awdjoviżivi, u 35% tal-kumpaniji tal-aħbarijiet adottaw soluzzjonijiet ibbażati fuq l-IA. 35% tal-kreaturi tal-mużika wkoll irrapportaw li qed jużaw l-IA f'xogħolhom. Il-European Media Outlook, it-2 edizzjoni, Technopolis Group abbażi tal-Istħarriġ dwar l-Intrapriżi tal-Istitut Monetarju Ewropew, 2024.

⁵¹ Fir-rigward tad-drittijiet tal-awtur, il-Kummissjoni diġà ffaċilitat it-tfassil ta' [Kodiċi ta' Prattika](#) li jispjega fid-dettall ir-regoli tal-IA bi Skop Ġenerali (GPAI) fl-Att dwar l-IA. Il-Kodiċi ġie approvat bħala adegwat għall-formituri biex juru l-konformità mal-obbligu tagħhom fil-kuntest tal-Att dwar l-IA. Barra minn hekk, u b'raba aktar diretta mad-drittijiet tal-awtur, il-Kummissjoni adottat mudell dwar il-kontenut użat għat-taħriġ tal-IA bi Skop Ġenerali, qed isir studju dwar il-fattibbiltà ta' reġistru tal-opt-outs skont l-eċċezzjoni tal-Estrazzjoni tat-Test u tad-Data (TDM), u hu ppjanat studju ieħor biex jirfed il-valutazzjoni tar-regoli tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Awtur fis-Suq Uniku Diġitali, inkluż l-eċċezzjoni tal-Estrazzjoni tat-Test u tad-Data. Barra minn hekk, il-Kummissjoni nediet [proċess](#) biex jifassal Kodiċi ta' Prattika ġdid fil-kuntest tal-Artikolu 50 tal-Att dwar l-IA għat-trasparenza tal-kontenut iġġenerat bl-IA.

⁵² Biex tikkomplementa l-miżuri elenkati, il-Kummissjoni se tipponi Strateġija għall-IA għas-setturi kulturali u kreattivi biex tkompli tiżgura li l-IA tippermetti u ssaħħa il-kreattività tal-bniedem filwaqt li tħares id-diversità kulturali u lingwistika Ewropea.

⁵³ Dawn se jiġu ffinanzjati permezz tal-programmi Ewropa Diġitali u Ewropa Kreattiva.

jistgħu jintużaw biex jevitaw u jtaffu r-riskji li jinħoloq kontenut tal-IA li jikser id-drittijiet tal-awtur, inkluż billi jinstab dak il-kontenut u jitneħħa.

2.11. Is-settur pubbliku

L-IA għandha potenzjal qawwi biex tagħmel il-gvern pubbliku aktar effiċjenti⁵⁴. Minn stħarriġ tal-Kummissjoni⁵⁵ joħroġ li 52% tal-meniġers fis-settur pubbliku intervistati rrapportaw li l-amministrazzjoni tagħhom diġà implimentat imqar soluzzjoni waħda tal-IA, filwaqt li 63% qed jippjanaw proġetti ġodda tal-IA. Bl-istess mod, fl-2024, il-Public Sector Tech Watch⁵⁶ irreġistra aktar minn 1200 każ tal-użu tal-IA fl-amministrazzjonijiet pubbliċi kollha tal-UE. Madankollu, hemm bżonn gwida ċara u azzjonabbli biex issir implimentazzjoni sħiħa u responsabbli tas-soluzzjonijiet tal-IA, b'mod partikolari għall-amministrazzjonijiet li għadhom jibdedw il-vjaġġ tagħhom tal-IA. Ċerti ostakli, fosthom is-sorsi frammentati tad-data tas-settur pubbliku u l-aċċessibilità limitata għal għodod affidabbli bbażati fuq l-IA għadhom qed joħonqu l-potenzjal tat-teknoloġiji tal-IA. Għalhekk, biex jirnexxilna nintegraw l-IA fis-settur pubbliku, hu kruċjali li nindirizzaw il-preġudizzji potenzjali, ninvestu fl-infrastruttura u fil-ħiliet, u niżguraw it-trasparenza u l-fiduċja.

L-amministrazzjonijiet pubbliċi jistgħu jibbenefikaw mill-politika li tpoġġi l-IA l-ewwel mhux biss għax din tgħinhom itejbu l-effiċjenza f'xogħolhom, tnaqqas il-piż amministrattiv u tal-burokrazija żejda minn fuq in-negozji, iżda anki billi tgħin lin-negozji l-ġodda tal-IA jikbru billi żżid id-domanda għal soluzzjonijiet tal-IA b'sors miftuħ magħmulin fl-Ewropa. Din imbagħad tista' ssaħħaħ is-sovranità tal-IA tal-UE. Minflok ma l-IA tiġi ttrattata bħala għodda iżolata, jeħtieġ titqies bħala assi strateġiku li jrid jiġi integrat fl-istituzzjonijiet u fis-servizzi⁵⁷. Minħabba l-impatt li l-IA jista' jkollha fuq is-settur pubbliku u b'hekk fuq iċ-ċittadini, hu kruċjali li jiġu vvalutati u jinżammu s-sigurtà kif ukoll l-awtonomija u s-sovranità operazzjonali b'koordinazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri. Il-Kummissjoni tistinka biex tmexxi bl-eżempju, billi timplimenta politiki interni tal-IA b'mod innovattiv, responsabbli u affidabbli (l-Anness 2).

Biex tippromwovi l-adozzjoni tas-soluzzjonijiet tal-IA fis-settur pubbliku, il-Kummissjoni se:

- **tibni sett ta' għodod tal-IA apposta għall-amministrazzjonijiet pubbliċi, inkluż għall-ġudikatura⁵⁸, li jkun fih repożitorju komuni ta' għodod u soluzzjonijiet prattiċi, b'sors miftuħ u riużabbli⁵⁹ biex jappoġġa l-interoperabbiltà tal-IA⁶⁰. Dan is-sett ta' għodod se jinkludi wkoll is-soluzzjonijiet tal-IA previsti fil-Pjan Direzzjonali għal aċċess effettiv u legali għad-data għall-infurzar tal-liġi⁶¹. Barra minn hekk, se jitnieda l-Perkors ta' Thejġija tal-Interoperabbiltà u tal-IA tas-Settur Pubbliku (il-Perkors PAIR)**

⁵⁴ Ara pereżempju r-rapport taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka dwar il-potenzjal tal-IA ġenerattiva għas-settur pubbliku: <https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC139825>, ara pereżempju r-rapport taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka dwar il-potenzjal tal-IA ġenerattiva għas-settur pubbliku: <https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC139825>

⁵⁵ <https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC138684>

⁵⁶ <https://interoperable-europe.ec.europa.eu/collection/public-sector-tech-watch>

⁵⁷ Fuq dawn il-linji, pereżempju, l-EDIC CityVerse qed jgħin biex ikollna ekosistema tal-UE ta' soluzzjonijiet avvanzati tal-IA għall-bliet. Aktar informazzjoni tinsab fuq <https://digital-strategy.ec.europa.eu/mt/factpages/cityverse>.

⁵⁸ Se jitħabbu azzjonijiet speċifiċi fl-Istrateġija li jmiss "DigitalJustice@2030", maħsuba biex ittejjeb l-effiċjenza fil-qasam tal-ġustizzja, tnaqqas il-piżijiet u l-kostijiet amministrattivi, u b'hekk trawwem it-tkabbir ekonomiku.

⁵⁹ Bħal mudelli tal-arkitettura, standards, speċifikazzjonijiet għad-data u IA, u reġistri tal-LLMs.

⁶⁰ Dan is-sett ta' għodod se jiġi ppubblikat fuq is-sit web tal-Public Sector Tech Watch filwaqt li l-Pjattaforma tal-IA fuq talba se tippromwovih ukoll bħala parti mill-portafoll tagħha ta' riżorsi lesti għall-użu, filwaqt li se jgħin lill-amministrazzjonijiet pubbliċi jimxu minn proġetti pilota tas-soluzzjonijiet tal-IA għal implimentazzjoni operazzjonali fuq skala sħiħa. Il-Perkors PAIR se jinkiseb permezz tal-Public Sector Tech Watch u se jiġi kkomplementat bl-appoġġ taċ-Ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali (EDIH) li se jitħarrġu f'dan is-sens u se jgħinu fit-tixrid tal-għarfien.

⁶¹ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX%3A52025DC0349>

biex jipprovdi eżempji prattiċi pass pass tul il-vjaġġ ta' utent, u dan se jgħin lill-amministrazzjonijiet jiżviluppaw servizzi mfassla skont il-bżonnijiet speċifiċi tagħhom.

- **tħaffef l-adozzjoni tas-soluzzjonijiet tal-IA ġenerattiva Ewropej skalabbli u replikabbli fl-amministrazzjonijiet pubbliċi⁶² b'enfasi speċjali fuq l-edukazzjoni⁶³, filwaqt li tqis ir-riskji potenzjali f'dan il-qasam.** Dan se jinkludi l-ħolqien ta' sett komprensiv ta' għodod tekniċi u ta' politika li jappoġġaw l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet tal-IA ġenerattiva u b'aġenzija⁶⁴. Din l-azzjoni se ttejjeb il-kwalità tas-servizzi pprovduti liċ-ċittadini.
- **tirrevedi l-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà** biex tinkludi fih gwida li **tippermetti** politiki li **jpoġġu l-IA l-ewwel** fl-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej.

3. Nindirizzaw l-isfidi trażversali

Filwaqt li tibni fuq l-ambizzjonijiet tal-Pjan ta' Azzjoni għal Kontinent tal-IA, l-Istrateġija għall-Applikazzjoni tal-IA tindirizza sfidi trażversali ewlenin biex iżżid l-iżvilupp u l-integrazzjoni tal-IA fis-setturi strateġiċi kollha tal-UE u, fl-aħħar mill-aħħar, iżżid is-sovranià teknoloġika.

3.1. Inżidu l-opportunitajiet għall-SMEs Ewropej

L-SMEs Ewropej, li jirrappreżentaw aktar minn 90% tal-intrapriżi Ewropej⁶⁵ qed isibu diffikultajiet biex jadottaw l-IA. Ħafna minnhom jibzġu li l-IA hija kkomplicata wisq jew għalja wisq. L-offerti disponibbli fis-suq huma mmirati għal kumpaniji akbar filwaqt li l-SMEs jeħtieġu soluzzjonijiet tal-IA mfassla apposta li jqisu d-daqs tagħhom. Jeħtieġu pariri imparzjali dwar l-użu ta' soluzzjonijiet xierqa tal-IA. Biex tindirizza dan id f'id mal-Istati Membri, il-Kummissjoni ħolqot iċ-Ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali. Hemm aktar minn 250 ċentru lokali mifruxin madwar 85% tar-reġjuni tal-UE⁶⁶ u qed jgħinu lill-kumpaniji fid-diġitalizzazzjoni tagħhom.

Dawn iċ-ċentri ġew aġġornati biex saru Ċentri ta' Esperjenza għall-IA. Se jkunu kruċjali biex jirrikonċiljaw il-provvista mad-domanda u jippromwov l-Istack Ewropew tal-IA. Dawn se jappoġġaw il-**politika tal-UE li tpoġġi l-IA l-ewwel**, filwaqt li jqisu t-titjib tal-ħiliet meħtieġ fil-forza tax-xoġhol tal-SMEs, u se jaġixxu bħala punt ta' aċċess privileġġat għall-ekosistema Ewropea tal-innovazzjoni tal-IA⁶⁷. Se jippromwov soluzzjonijiet Ewropej li jrawmu t-**tkabbir** tal-ekosistema tal-IA multilingwi domestika tal-UE, abbażi b'mod partikolari ta' sors miftuħ.

Biex tappoġġa l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet tal-IA Ewropej, **il-Kummissjoni se:**

⁶² Trid tiġi implimentata permezz tas-sejħa GenAI4EU fil-programm Ewropa Diġitali (2025-2026 [DIGITAL-2025- AI- 08 - Apply AI: GenAI for the public administrations](#)). Is-sejħa għandha l-iskop li tħaffef l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet tal-IA ġenerattiva skalabbli u replikabbli fl-amministrazzjonijiet pubbliċi billi tappoġġa sa erba' proġetti pilota f'oqsma funzjonali ewlenin bħat-tehd tad-deċiżjonijiet xprunat mid-data, l-ottimizzazzjoni tal-proċessi u tal-operazzjonijiet interni, it-tisħiħ tal-interazzjonijiet maċ-ċittadini u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri legali u amministrattivi.

⁶³ Permezz tal-programm Erasmus+, il-Kummissjoni se tippromwovi l-iżvilupp ta' sħubijiet pubbliċi privati u kollaborazzjoni mas-settur EdTech (tat-teknoloġija edukattiva) għal disinn, żvilupp u użu etiċi tal-għodod tal-Intelliġenza Artifiċjali fl-edukazzjoni. Barra minn hekk, se trawwem l-involvement ta' diversi partijiet ikkonċernati biex tixpruna l-adozzjoni effettiva u responsabbli tal-IA fl-edukazzjoni u fit-taħriġ, inkluż b'azzjoni mmirata permezz taċ-Ċentru tal-Edukazzjoni Diġitali.

⁶⁴ Primarjament b'IA bbażata fuq il-GPT u aġenti ta' konverżazzjoni multilingwi magħmulin fl-Ewropa u b'sors miftuħ, chatbots multilingwi.

⁶⁵ https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/sbs_sc_ovw/default/table?lang=en&category=bsd.sbs.sbs_ovw

⁶⁶ [Characteristics and regional coverage of the EDIH Network: discover the comprehensive report | in-Network taċ-Ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali](#).

⁶⁷ Dan se jsir billi l-organizzazzjonijiet jingħataw l-għajna biex jiksbu aċċess għal infrastruttura u hardware, jiffaċilitaw l-aċċess għad-data u l-ġestjoni tad-data, iħaddmu għodod ħfief tal-IA – b'mod kosteffettiv u sigur – f' sistemi lokali tal-cloud possibbilment b'sors miftuħ, u joffru taħriġ apposta.

- **tniedi sejħa għal espressjoni ta' interess li tistieden lill-kumpaniji Ewropej jaqsmu l-mudelli u s-sistemi tal-IA tagħhom man-network taċ-Ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali**, biex dan ikun jista' mbagħad jippromwovi l-implimentazzjoni fuq skala wiesgħa tagħhom fis-setturi strateġiċi Ewropej kollha.

3.2. *Naraw li jkollna forza tax-xogħol lesta għall-IA fis-setturi kollha*

Filwaqt li tibni fuq il-pilastru tal-Pjan ta' Azzjoni għal Kontinent tal-IA dwar il-ħiliet u t-talent, l-Istrateġija għall-Applikazzjoni tal-IA hi maħsuba biex taħtaf l-opportunitajiet u tindirizza r-riskji li għib magħha t-trasformazzjoni tal-IA. L-integrazzjoni dejjem akbar tal-IA fis-setturi strateġiċi tal-UE tista' tkompli tawtomatizza il-kompiti ta' rutina u tippromwovi l-effiċjenza; tista' wkoll ittejjeb il-prattiki innovattivi, il-kreattività u l-għarfien konjittiv tal-professjonijiet, inkluż tat-tobba, l-għalliema⁶⁸ u l-inġiniera. Id-data attwali tissuġġerixxi wkoll li l-IA diġà qed tgħin fuq il-postijiet tax-xogħol, tant li maġġoranza sinifikanti tal-ħaddiema Ewropej (67%) irrapportaw li l-IA għenithom iwettqu l-kompiti tagħhom aktar malajr⁶⁹. Fl-istess ħin, iżda, għad hemm tħassib dwar l-impatt tal-IA fuq il-kwalità tal-impjiegi u l-ispostament tal-impjiegi⁷⁰.

Biex niżguraw li l-IA tintuża mill-ħaddiema kollha b'mod responsabbli u ta' benefiċċju, jeħtieġ niżguraw li l-ħaddiema jkollhom il-ħiliet adegwati. Litteriżmu sod fl-IA għandu jibda sa mill-livell edukattiv bikri⁷¹ u jkompli fis-suq tax-xogħol bit-taħriġ mill-ġdid u bit-titjib tal-ħiliet.

Għal kull settur tal-Istrateġija, il-Kummissjoni se:

- **tippovdi aċċess għal taħriġ Prattiku dwar il-litteriżmu fl-IA mfassal għas-setturi u l-profil tal-impjiegi permezz tal-Akkademja tal-Ħiliet fl-IA**⁷² li, minbarra l-offerti tagħha stess, se tiġbor flimkien it-taħriġ mogħti minn strumenti oħra tal-UE. It-taħriġ għandu preferibbilment iwassal għal mikrokredenzjali⁷³.
- tinkoraġġixxi l-involviment tal-industrija fit-titjib tal-ħiliet u fit-taħriġ mill-ġdid tal-IA, inkluż bil-Patt għall-Hiliet⁷⁴, u tippovdi aċċess għal opportunitajiet tat-taħriġ addizzjonali lill-ħaddiema f'setturi li qed isir ilhom ristrutturar jew li qegħdin f'riskju ta' spostament, inkluż minħabba l-IA, permezz tal-Garanzija ta' Ħiliet, imħabbra fl-Unjoni tal-Hiliet⁷⁵.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni se tippromwovi użu prattiku u adozzjoni wiesgħa tal-oqfsa ta' kompetenzi rilevanti, bħall-**Qafas ta' Kompetenza Diġitali għaċ-Ċittadini**, li se jiġi aġġornat sa tmiem l-2025, il-Qafas tal-Litteriżmu fl-IA għall-Edukazzjoni Primarja u Sekondarja, u oqfsa oħra speċifiċi għall-profil u għas-settur.

⁶⁸ L-għalliema huma aktar esposti għall-IA Ġenerattiva minn 90% tal-ħaddiema l-oħra ([JRC Publications Repository – Generative AI Outlook Report](#)). Biex tgħin lill-għalliema u lill-edukaturi, il-Kummissjoni se tippovdi appoġġ prattiku permezz ta' aġġornament tal-Linji Gwida Etiċi dwar l-użu tal-IA u tad-data fil-proċessi tat-taħlim: [Linji gwida etiċi għall-edukaturi dwar l-użu tal-intelliġenza artifiċjali – iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni](#)

⁶⁹ [Skills empower workers in the AI revolution | is-CEDEFOP](#)

⁷⁰ [Generative AI and Jobs: A global analysis of potential effects on job quantity and quality | I-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol](#).

⁷¹ Bil-Pjan Direzzjonali għall-2030 dwar il-futur tal-edukazzjoni u l-ħiliet diġitali, il-Kummissjoni se tgħin lis-sistemi edukattivi u lill-atturi jadattaw għat-trasformazzjoni tal-IA, se tixpruna t-tixrid tal-litteriżmu u l-ħiliet fl-IA tul l-edukazzjoni formali u se tappoġġa lis-settur tal-EdTech Ewropew.

⁷² L-Unjoni tal-Ħiliet (COM(2025) 90 final) ħabbret rieżami tal-akkademji tal-UE biex tiżgura li dawn jibqgħu rilevanti biex jindirizzaw il-ħtiġijiet attwali.

⁷³ Il-mikrokredenzjali jistgħu jgħinu biex jiġu ċċertifikati l-eżiti ta' esperjenzi tat-taħlim żgħar imfasslin apposta. Permezz tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 (2022/C 243/02), il-Kunsill qed jappella lill-Istati Membri biex jadottaw definizzjoni u approċċ komuni tal-UE.

⁷⁴ Fil-kuntest tat-talba tal-Kummissjoni biex jirdoppjaw l-impjenji (il-wegħdiet) tagħhom, parti mill-Unjoni tal-Ħiliet.

⁷⁵ F'konformità wkoll mal-Pjan Direzzjonali tal-UE għad-Drittijiet tan-Nisa: [spinta mgħedda għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-Kummissjoni Ewropea](#).

Għas-setturi b'intensità diġitali li jeħtieġu talent settorjali fl-IA, bħas-setturi tal-mobbiltà, tal-enerġija, ambjentali, kulturali u kreattivi (inkluż il-midja), **il-Kummissjoni se**:

- **tiffinanzja programmi ta' "IA għan-negozju" (master eżekuttiv)** li jiżviluppaw profili ibridi, bħal inġiniera tal-IA⁷⁶ b'għarfien espert speċifiku għall-industrija permezz tal-programm Ewropa Diġitali u appoġġ potenzjali ta' Erasmus⁷⁷.
- **tistabbilixxi "laboratorju tal-intraprendituri tal-IA"**, li filwaqt li jibni fuq inizjattivi eżistenti (eż. tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija u tal-alleanzi tal-Universitajiet Ewropej)⁷⁸, **jiġbor flimkien gradwati brillanti tal-IA b'mentors intraprenditorjali** minn kumpaniji eżistenti tal-IA li jixtiequ jwessgħu il-mudelli tagħhom jew iwittu t-triq għal sħubijiet futuri.

Konxja mill-implikazzjonijiet li l-IA se jkollha fuq il-forza tax-xogħol u d-differenzi potenzjali tagħha bejn il-gruppi demografiċi, is-setturi u r-reġjuni, il-Kummissjoni se **timmonitorja attivament l-impatt tal-IA fuq is-suq tax-xogħol** biex tantiċipa l-ħtiġijiet tas-suq, tidentifika tfixkil potenzjali u tappoġġa l-iżvilupp ta' politiki xierqa u inklużivi, inkluż biex trawwem it-tranżizzjoni tal-ħiliet u tindirizza l-inugwaljanzi strutturali (eż. id-disparitajiet bejn il-ġeneri u interġenerazzjonali). Ir-riżultati se jservu ta' tagħrif għall-Osservatorju Ewropew tal-Informazzjoni dwar il-ħiliet usa', imħabbar fl-Unjoni tal-ħiliet.

L-involviment tal-impjegaturi, tal-ħaddiema u ta' sħab soċjali oħrajn fi djalogu miftuħ se jkun essenzjali biex jikkomplementa dan il-monitoraġġ.

3.3. Nappoġġaw l-IA bħala fattur tal-produzzjoni

L-IA qed issir, malajr ħafna, fattur fundamentali tal-produzzjoni fl-ekonomija tal-lum, flimkien mal-inputs tradizzjonali, u tista' tieħu forom differenti. **Il-mudelli tal-IA bi skop ġenerali**, pereżempju, iwettqu firxa wiesgħa ta' kompiti bi flessibbiltà, u dan jagħmilhom fundamentali għal ħafna applikazzjonijiet tal-IA. L-aktar mudelli avanzati, minħabba l-kapaċitajiet avanzati tagħhom, qed jixprunaw l-iżvilupp ta' **aġenti tal-IA**, jiġifieri ta' sistemi tal-IA li jistgħu jieħdu deċizzjonijiet u jwettqu azzjonijiet b'mod indipendenti. Dawn jippermettu lill-aġenti jifhmu l-lingwa, jirraġunaw dwar il-kompiti, jieħdu azzjonijiet b'mod awtonomu biex jilħqu objettivi predefiniti, u jinteraġixxu mad-dinja ta' madwarhom, filwaqt li jibnu interazzjonijiet inkluż mal-bnedmin.

Minbarra l-mudelli tal-IA bi skop ġenerali, hemm ukoll **mudelli speċjalizzati u iżgħar** li jitħarrġu jew jiġu adattati biex jibbrillaw f'oqsma speċifiċi, bħad-dijanjożi medika, ir-riċerka legali u l-ikkuntrattar tal-IA, li jipprovdu appoġġ espert malajr u b'mod effiċjenti. Dawk il-mudelli u l-applikazzjonijiet speċjalizzati huma prodotti b'mod komuni billi jiddistillaw jew jirfinaw l-għarfien tagħhom f'arkitetturi aktar ħfief, adattati għal implimentazzjoni immirata u effiċjenti, jew billi jintegraw ċerti għodod, bħal bażijiet tal-għarfien esterni⁷⁹.

Barra minn hekk, **it-tewmin diġitali** – repliki virtwali ta' oġġetti jew ta' proċessi tad-dinja reali, bħal kopja diġitali ta' fabrika, bini jew saħansitra ta' ġisem uman – jistgħu jikbru bl-IA avanzata biex ikunu jistgħu jgħinu fit-tbassir tal-eżiti u jottimizzaw il-prestazzjoni bi

⁷⁶ Rapport taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka juri li l-inġiniera tal-IA jew tat-tagħlim awtomatiku (ML) huma fost l-aktar profili tal-impjegati tal-IA li hemm domanda għalihom. It-tisħiħ ta' dawn il-profil, apparti li jkompli jwessa' l-offerta ta' dawn il-ħiliet f'diversi dixxiplini, jista' potenzjalment iżid il-penetrazzjoni tal-IA fis-setturi kollha, <https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC143488>.

⁷⁷ Eżempju bl-Alleanzi għall-Innovazzjoni u tat-Traineeships dwar Opportunitajiet Diġitali.

⁷⁸ Eżempju l-inizjattiva pilota EIT AI Founders: <https://www.eitdigital.eu/eit-ai-founders-club-2025/>

⁷⁹ **Bl-irfinar, mudell bażi** kbir imħarreġ minn qabel ikompli jitħarreġ fuq **data speċifika għal xi dominju** (eż., legali, mediku, finanzjarju) biex jispeċjalizza f'kompitu jew qasam partikolari. **Bid-distillazzjoni** – teknika ta' kompressjoni – mudell iżgħar (l-"istudent") jitgħalliem jimita l-imġiba ta' mudell akbar (l-"għalliem") billi jaħfen ħafna mill-kapaċitajiet tiegħu u jagħmilhom f'forma aktar kompatta u effiċjenti. Dan hu partikolarment utli meta l-IA tintuża f'ambjenti b'riżorsi limitati (eż. mowbajls, edge computing).

mmudellar u simulazzjonijiet; dawn jistgħu jiġġeneraw ukoll data sintetika, li tkun utli ħafna għal aktar taħriġ tal-IA.

L-avvanzi attwali fil-memorja, fir-raġunar u fl-imġiba awtonoma qed iwittu t-triq għal **Intelliġenza Artifiċjali Ġenerali** (AGI), jiġifieri għal IA li kapaċi twestaq kwalunkwe komputu konjittiv li jista' jwettaq il-bniedem. Il-mudelli tal-IA fil-fruntieri tat-teknoloġija, li b'mod komuni jissejħu "AI Pijuniera", qed ifeġġu bħala assi strateġiċi u komponenti kritiċi fl-istack teknoloġiku tal-IA. Għall-UE, hija prijorità li tiżgura li l-mudelli Ewropej b'kapaċitajiet mill-aktar avvanzati jsaħħu s-sovranià u l-kompetittività b'mod affidabbli u bil-bniedem fiċ-ċentru.

Filwaqt li tibni fuq l-assi tagħha: infrastruttura tal-computing ta' klassi dinjija, talent xjentifiku eċċellenti, approċċ distintiv b'enfasi ċara fuq is-sors miftuħ u s-sikurezza, **il-Kummissjoni se:**

- **tniedi u tikkoordina Inizjattiva ta' IA Pijuniera biex tħaffef il-progress fil-kapaċitajiet tal-IA pijuniera fl-Ewropa billi tlaqqa' flimkien lil atturi industrijali u akkademiċi ewlenin fl-Ewropa u tappoġġa l-isforzi strateġiċi⁸⁰.** Din l-inizjattiva se tiffoka fuq l-opportunità ta' kapaċitajiet avvanzati permezz ta' arkitetturi avvanzati tal-IA u data ta' kwalità għolja, li jaħtfu l-kapaċità tal-computing offruta mill-Fabbriki u l-Gigafabbriki tal-IA. Biex titrawwem il-kollaborazzjoni, il-komunità se titlaqqa' flimkien b'sejħa għal espressjoni ta' interess. L-inizjattiva se tindirizza l-ostakli tal-ekosistema u d-domanda downstream tal-industrija tal-Ewropa u b'hekk se ssaħħaħ il-kompetittività u anki s-sovranià fl-iżvilupp ta' AI pijuniera.

Bħala parti minn din l-inizjattiva, il-Kummissjoni se tniedi kompetizzjonijiet ewlenin mal-UE kollha biex tiżviluppa mudelli miftuħa ta' IA pijuniera li jservu ta' muturi ewlenin tal-innovazzjoni. Dawn il-proġetti se jiksbu aċċess bla ħlas għas-supercomputers tal-EuroHPC, u l-mudelli miftuħa tagħhom se jkunu disponibbli b'mod wiesa' għall-awtoritajiet pubbliċi madwar l-Ewropa kif ukoll għall-komunitajiet xjentifiċi u kummerċjali Ewropej.

Din l-azzjoni se tikkomplementa u se tkompli tappoġġa l-Istrateġija Ewropea dwar l-Istartups u l-Iscaleups⁸¹ li tinkludi Fond Ewropew tal-Iscaleups li jimobilizza fondi privati għas-sovranià teknoloġika tal-Ewropa u għall-inizjattiva Lab to Unicorn. Barra minn hekk, l-Att għall-Aċċellerazzjoni Industrijali se jistabbilixxi l-lievi meħtieġa biex tingħata spinta lill-kapaċità industrijali u lis-swieq ewlenin fl-UE. L-adozzjoni tas-soluzzjonijiet tal-IA magħmulin fl-Ewropa fil-bażi industrijali tagħna se tikseb effiċjenzi u timmodernizza l-mudelli tal-manifattura u l-ekosistemi.

Il-pedament biex tiġi stimolata l-innovazzjoni f'mudelli avvanzati tal-IA u f'applikazzjonijiet speċjalizzati hu l-komunità tar-riċerka vibranti tal-UE. Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni⁸² li jmiss jidentifika r-riċerka, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' mudelli u aġenti tal-IA tal-ġenerazzjoni li jmiss bħala prijoritajiet strateġiċi għall-Ewropa, li għandhom jiġu appoġġati mill-programm Orizzont Ewropa attwali u mill-Fond Ewropew għall-Kompetittività propost (tul il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss). F'dan il-kuntest, hemm bżonn appoġġ biex jiġu żviluppati kapaċitajiet sovrana tal-IA pijuniera u tal-aġenti tal-IA, li bħala karatteristiċi integrali jkollhom is-sikurezza u s-sigurtà.

Fl-istess waqt, hu essenzjali li tingħata spinta lir-riċerka applikata fl-IA biex jiġu żviluppati teknoloġiji b'impatt fuq firxa wiesgħa ta' setturi. Għal dan il-għan, permezz tal-programm

⁸⁰ Din l-inizjattiva se tkun marbuta mar-Riżorsa għax-Xjenza tal-IA fl-Ewropa.

⁸¹ https://research-and-innovation.ec.europa.eu/document/download/2f76a0df-b09b-47c2-949c-800c30e4c530_en?filename=ec_rtd_eu-startup-scaleup-strategy-communication.pdf

⁸² Il-Komunikazzjoni COM(2025) 543.

Orizzont Ewropa attwali, **il-Kummissjoni se tnedi riċerka mmirata dwar l-aġenti tal-IA tal-ġenerazzjoni li jmiss imfassla għas-setturi ewlenin tal-Applikazzjoni tal-IA.**

Filwaqt li l-Istrateġija għall-Applikazzjoni tal-IA tindirizza r-riċerka fl-IA biex tavvanza t-teknoloġiji tal-IA u l-adozzjoni tagħhom fis-setturi kollha, **l-Istrateġija Ewropea dwar l-Intelliġenza Artifiċjali fix-Xjenza**, ippreżentata flimkien ma' din il-Komunikazzjoni, tiffoka fuq l-adozzjoni tal-IA fir-riċerka madwar l-Ewropa fid-dixxiplini xjentifiċi kollha. L-istrateġija tiddekrivi azzjonijiet speċifiċi biex tappoġġa u tinċentiva l-użu u l-iżvilupp tal-IA mill-komunità xjentifika Ewropea. Għal dan il-għan, ir-**RAISE** se tiġbor flimkien ir-riżorsi strateġiċi (jiġifieri l-finanzjament, il-komputerizzazzjoni, id-data u t-talent) biex twessa' l-fruntieri teknoloġiċi tal-IA u taħtaf il-potenzjal tagħha ħalli tixpruna r-rivoluzzjonijiet xjentifiċi.

RAISE se topera fuq żewġ pilastri ewlenin: a) Ix-xjenza għall-IA, li tappoġġa r-riċerka bażika biex tavvanza l-kapaċitajiet ewlenin tal-IA, b'mod partikolari għal IA pijuniera sikura u sigura; u b) l-IA fix-Xjenza, li tippromwovi l-użu tal-IA għall-progress f' dixxiplini xjentifiċi differenti. Barra minn hekk, RAISE se trawwem attivament l-interazzjonijiet bejn dawn iż-żewġ pilastri, u b'hekk tippermetti l-koevoluzzjoni tal-IA u tax-xjenza. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni se tkompli tiżviluppa l-kunċett ta' RAISE, inkluż l-istruttura ta' governanza tagħha, u se tnedi fażi pilota kif spjegat f'aktar dettall fl-Istrateġija għall-IA fix-Xjenza. Bħala parti minn dan l-isforz, se jingħaqdu għadd ta' laboratorji Ewropej ewlenin tal-IA biex isawru kullana unika ta' eċċellenza fl-IA u jikkontribwixxu għall-inizjattiva tal-AI Pijuniera.

3.4. Niżguraw il-fiduċja fis-suq Ewropew

Fil-Pjan ta' Azzjoni għal Kontinent tal-IA, il-Kummissjoni impenjat ruħha għal implimentazzjoni ċara, sempliċi u favur l-innovazzjoni tal-Att dwar l-IA. Il-projbizzjonijiet tal-prattiki b'riskji inaċċettabbli u l-obbligi relatati mal-mudelli tal-IA bi Skop Ġenerali diġà huma applikabbli. Inizjattivi bħall-Kodiċi ta' Prattika tal-IA bi Skop Ġenerali⁸³, il-linji gwida tal-Kummissjoni⁸⁴ u l-Patt dwar l-IA jagħtu ċarezza rigward ir-regoli applikabbli u l-appoġġ għall-applikazzjoni tagħhom. Iżda r-rispons tal-partijiet ikkonċernati juri li l-inċertezza u n-nuqqas ta' gwida joħolqu l-akbar ostakli għall-implimentazzjoni tal-Att dwar l-IA, u jnaqqsu r-ritmu tal-adozzjoni tal-IA. Bħala parti mill-Istrateġija għall-Applikazzjoni tal-IA, il-Kummissjoni se żżid l-isforzi tagħha biex tiżgura l-konformità mal-Att dwar l-IA.

L-ewwel nett, kif ħabbret fil-Pjan ta' Azzjoni għal Kontinent tal-IA, il-Kummissjoni stabbiliet **l-Uffiċċju għas-Servizzi tal-Att dwar l-IA**⁸⁵, ċentru li jagħti aċċess lin-nies għall-informazzjoni rilevanti kollha dwar l-Att dwar l-IA, jgħinhom jinnavigaw il-kontenut tiegħu, ifiehem kif japplika, u jagħti twegġibiet imfassla apposta għal mistoqsijiet relatati mal-implimentazzjoni tiegħu. Dan jinkludi pjattaforma unika tal-informazzjoni b'għodod interattivi, b'mod partikolari **kontrollur tal-konformità** biex jgħin lill-partijiet ikkonċernati jiddeterminaw jekk humiex soġġetti għal obbligi legali u jifhmu l-passi li jeħtieġ jagħmlu biex jikkonformaw.

It-tieni, il-Kummissjoni se ttejjji aktar linji gwida dwar l-applikazzjoni Prattika tal-Att dwar l-IA. B'mod partikolari, **il-Kummissjoni se taħdem bi prijorità fuq:**

- **linji gwida dwar il-klassifikazzjoni tas-sistemi tal-IA bħala sistemi b'riskju għoli.**

⁸³ <https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/policies/contents-code-gpai>

⁸⁴ Il-Kummissjoni ppubblikat linji gwida dwar l-ambitu tal-obbligi tal-mudelli tal-IA bi skop ġenerali, id-definizzjoni tas-sistema tal-IA u l-prattiki pprojbiti tal-IA skont l-Att dwar l-IA.

⁸⁵ <https://ai-act-service-desk.ec.europa.eu>

- **linji gwida dwar l-interazzjoni tal-Att dwar l-IA ma' liġijiet oħra tal-Unjoni, li jkopru l-leġislazzjoni settorjali rilevanti** (eż. it-trasport, il-makkinarju, it-tagħmir tar-radju).

Fl-aħħar nett, għadd sinifikanti ta' Stati Membri għadhom ma stabbilewx l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti responsabbli. Il-Kummissjoni se żżid l-azzjoni biex tiżgura li dawn l-iżviluppi ma jipperikolawx l-implimentazzjoni b'suċċess tal-Att dwar l-IA.

4. Nistabbilixxu mekkaniżmu ta' governanza uniku

L-Istrateġija għall-Applikazzjoni tal-IA mhix inizjattiva minn fuq għal isfel, iżda hija sforz inklużiv. Biex tistruttura djalogu kontinwu dwar l-IA u tipprovdi mod kif il-partijiet ikkonċernati settorjali jipparteċipaw b'mod attiv fit-tfassil tal-politika dwar l-IA, **il-Kummissjoni se:**

- **tibdel l-Alleanza eżistenti tal-IA f'forum ta' koordinazzjoni għall-partijiet ikkonċernati tal-Applikazzjoni tal-IA⁸⁶ u għal dawk li jfasslu l-politika tal-Applikazzjoni tal-IA.** Billi jingħaqdu mal-“Alleanza għall-Applikazzjoni tal-IA”, il-partijiet ikkonċernati se jkunu jistgħu jesprimu pubblikament l-interess tagħhom li jieħdu sehem fi flussi tax-xogħol settorjali, filwaqt li jiksbu aċċess dirett għal dawk li jfasslu l-politika biex jiddiskutu l-impatt, l-ostakli u l-opportunitajiet ta' soluzzjonijiet settorjali speċifiċi tal-IA. Filwaqt li sservi bħala **punt tad-dħul**, l-Alleanza se taħdem mill-qrib u b'mod komplementari mal-inizjattivi konsultattivi l-oħra dwar l-IA (inkluż dawk settorjali, regolatorji u tar-riċerka u l-innovazzjoni), filwaqt li tressaq lill-partijiet ikkonċernati lejn id-diskussjonijiet rilevanti⁸⁷. Din se tippermetti networking bejn il-pari u bejn il-fornituri u l-utenti tas-soluzzjonijiet tal-IA; pereżempju billi torbot żviluppatur ta' għodod tal-konformità ma' persuni li potenzjalment ikunu se jużawhom. Miftuħ għas-setturi kollha, għall-akkademiċi rilevanti u għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, **l-Uffiċċju għall-IA se jospita laqgħat annwali biex jiddiskuti politiki dwar l-innovazzjoni tal-IA u jistabbilixxi bordijiet settorjali biex jiddiskutu u jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-istrateġija.** Il-kooperazzjoni kontinwa bejn l-Alleanza għall-Applikazzjoni tal-IA, il-Bord tal-IA u RAISE se tiffaċilita wkoll iż-żieda ta' riċerka siewja dwar l-iżvilupp u l-ilħuq tas-suq Ewropew.
- **Tistabbilixxi Osservatorju tal-IA⁸⁸ biex jipprovdi indikaturi sodi għal valutazzjoni tal-impatt tal-IA fuq is-setturi elenkati bħalissa u futuri, u għal monitoraġġ tal-iżviluppi, ix-xejriet u l-bidliet li tista' ġġib fis-suq tax-xogħol.** Abbażi tal-attivitajiet tal-monitoraġġ, il-Kummissjoni se tagħmel proposta, fil-kuntest tad-Deċennju Diġitali, għal mira ta' investment pubbliku u privat fl-IA⁸⁹. L-Osservatorju se jappoġġa wkoll l-organizzazzjoni ta' diskussjonijiet settorjali. Se jintuża għall-analiżi politika u t-teħid

⁸⁶ Fost il-partijiet ikkonċernati bħalissa hemm assoċjazzjonijiet tan-negozju jew tal-konsumatur, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, kompaniji, konsulenti, ċittadini, istituzzjonijiet finanzjarji, korpi governattivi jew pubbliċi, organizzazzjonijiet tar-riċerka u tat-teknoloġija, sħab soċjali, universitajiet / istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lil komunitajiet reliġjużi jew filosofiċi.

⁸⁷ Pereżempju, din se tibni rabtiet mal-istruttura ta' governanza ta' RAISE u mas-Sħubija Ewropea eżistenti dwar l-IA, id-Data u r-Robotika. Barra minn hekk, il-Patt dwar l-IA se jibqa' mezz ewlieni tal-komunikazzjoni mal-partijiet ikkonċernati dwar materji regolatorji, u l-Kummissjoni se tiżgura l-komplementarjetà tal-kontributi.

⁸⁸ L-Osservatorju tal-IA se juża, fost l-oħrajn, l-istatistika uffiċjali dwar l-adozzjoni tal-IA mill-intrapriżi f'setturi ekonomiċi differenti, u statistika oħra dwar l-impatt tal-IA fuq is-soċjetà li diġà ppubblikaw il-Eurostat u l-Istati Membri tal-UE.

⁸⁹ Bl-Istrateġija għall-Applikazzjoni tal-IA, il-Kummissjoni, b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD), żviluppat metodoloġija biex tkejjel l-investimenti pubbliċi u privati fl-IA li tallinja mal-approċċ tal-politika tal-UE dwar l-IA, https://www.oecd.org/en/publications/advancing-the-measurement-of-investments-in-artificial-intelligence_13e0da2f-en.html.

tad-deċiżjonijiet, u biex jinforma lill-komunità tal-IA u lill-pubbliku ġenerali dwar l-iżviluppi riċenti fil-qasam.

Il-Bord tal-IA, stabbilit skont l-Att dwar l-IA, se jibqa' l-forum ewlieni tad-diskussjoni dwar l-IA⁹⁰ mal-Istati Membri, u se jiġi infurmat regolarment dwar l-attivitajiet tal-Alleanza għall-Applikazzjoni tal-IA. Permezz tas-sottokonfigurazzjoni tal-Bord tal-IA dwar l-innovazzjoni, l-isforzi se jkomplu jimmonitorjaw l-Istrateġiji nazzjonali tal-IA u se **jiffaċilitaw l-iskambju tal-aqwa prattiki fost l-Istati Membri, inkluż għas-settur pubbliku**. F'dan il-kuntest, **il-Kummissjoni tappella lill-Istati Membri biex jallinjaw l-istrateġiji nazzjonali tagħhom tal-IA mal-approċċ settorjali ppreżentat f'din il-Komunikazzjoni**.



L-UE tqis l-IA bħala teknoloġija globali strateġika u qed tippożizzjona lilha nnifisha bħala sieħeb proattiv, kooperattiv u affidabbli li jrid imexxi bl-eżempju u jikkollabora fuq livell internazzjonali filwaqt li jhars l-interessi, is-sigurtà u l-valuri tiegħu. L-involvement internazzjonali futur se jibni u jespandi fuq il-bażi soda ta' kooperazzjoni bilaterali u involvement attiv fil-fora u fl-inizjattivi internazzjonali rilevanti kollha tal-IA (G7, G20, is-Sħubija Globali tal-IA, l-OECD, il-Kunsill tal-Ewropa, in-Network tal-Istituti tas-Sikurezza u s-Sigurtà tal-IA, is-summits tal-IA u s-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti)⁹¹. L-UE se tkompli taħdem ukoll biex tiżgura flussi tad-data transfruntieri affidabbli – element essenzjali fl-iżvilupp tal-IA – ma' sħab tal-istess fehma bi ftehimiet kummerċjali bilaterali u plurilaterali kif

⁹⁰ L-ekosistema tal-innovazzjoni tal-IA tal-Bord tal-IA se tkun il-grupp ta' ħidma ewlieni li jitttratta l-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Applikazzjoni tal-IA. L-attivitajiet relatati mal-implimentazzjoni tal-Pjan lkkordinat dwar l-Intelliġenza Artifiċjali se jitwettqu u jkunu allinjati mal-kontenut ta' din l-Istrateġija. Il-Bord Ewropew għall-Innovazzjoni fil-Qasam tad-Data se jkompli jservi bħala l-forum ewlieni għad-diskussjoni dwar materji relatati mad-data b'appoġġ għall-IA u l-qafas ta' politika diġitali usa'.

⁹¹ Filwaqt li tibni fuq l-adozzjoni tal-Patt Diġitali Globali f' Settembru 2024, il-Kummissjoni Ewropea tappoġġa (i) id-Djalogu Globali dwar il-Governanza tal-IA, organizzat fil-qafas tal-Ġimgħa ta' Livell Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti f' Settembru 2025, inkluż l-oġġettivi tiegħu li jgħinu biex jinbnew sistemi tal-IA sikuri, siguri u affidabbli u (ii) il-ħolqien tal-Bord Xjentifiku Internazzjonali Indipendenti dwar l-IA.

ukoll fil-G7, fil-G20 u fl-OECD. Barra minn hekk, l-UE tappoġġa t-teknoloġiji tal-IA li jkunu ta' ġid għas-soċjetajiet u tħaddem politiki tal-IA għall-Ġid Pubbliku⁹².

Minħabba bidliet fix-xenarju dinji, l-importanza u l-ħtieġa ta' impenn assertiv fuq l-IA, inkluż b'mod sinkronizzat mal-eqreb alleati tagħna, huma akbar minn qatt qabel u mistennija jkomplu jiżdiedu. Id-dipendenzi esterni tal-istack tal-IA li tista' tintuża bħala arma u b'hekk jiżdiedu r-riskji għall-ktajjen tal-provvista minn atturi statali u mhux statali, jagħmluha kruċjali li l-Unjoni Ewropea żżid l-isforzi tagħha. Għaldaqstant, l-UE qed taħdem mill-qrib mal-Istati Membri tagħha fuq diversi linji ta' ħidma dwar is-sigurtà ekonomika, inkluż id-Duttrina dwar is-Sigurtà Ekonomika li jmiss, biex tindirizza dawn l-isfidi⁹³.

L-inizjattivi riċenti tal-UE, b'mod partikolari l-Fabbriki tal-IA u l-Gigafabbriki tal-IA, jirrappreżentaw bidla gradwali fl-isforzi tal-UE biex tissaħħaħ ir-reżiljenza. Dawn l-inizjattivi, flimkien ma' investment b'saħħtu u dejjem akbar fil-qasam tal-IA pijuniera, huma importanti għat-tnejn tal-UE. Minbarra s-superviżjoni mill-Uffiċċju Ewropew għall-IA fil-kuntest tal-Att dwar l-IA biex jonqsu l-isfidi tas-sikurezza, l-UE tikkooopera fuq livell internazzjonali biex tgħaqqad il-forzi u tiġġieled il-perikli maħluqa minn utenti malizzjużi. L-UE se tikkapitalizza u tibni fuq l-assi strateġiċi u l-pregġi tagħha, fosthom it-talent, ir-riċerka, is-saħħa industrijali (inkluż id-data industrijali) u s-suq uniku kbir tagħha b'regoli uniformi, u se tużahom fuq livell internazzjonali bħala parti mill-offerta tat-teknoloġija tal-UE biex tibni sħubijiet u alleanzi madwar id-dinja, kif indikat fil-Komunikazzjoni Konġunta riċenti dwar Strateġija Diġitali Internazzjonali għall-UE⁹⁴. Se tingħata attenzjoni partikolari lill-potenzjal ta' integrazzjoni tal-IA u kollaborazzjoni ta' benefiċċju reċiproku mal-pajjiżi kandidati u mal-eqreb ġirien, li se jkunu assoċjati fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija.

5. Konklużjoni

L-Istrateġija għall-Applikazzjoni tal-IA tfasslet biex tappoġġa lill-industriji u lis-settur pubbliku ħalli jifhmu aħjar x'tista' tagħmel l-IA, fejn hija effettiva u kif tista' ggħib vantaġġ kompetittiv. Din thegġegħ lill-organizzazzjonijiet biex jagħtu prominenza akbar lill-IA fl-isforzi tagħhom biex isolvu l-problemi. Billi tipproponi azzjonijiet ta' politika trażversali u settorjali, l-Istrateġija tipprovdi mudell li jappoġġa l-implimentazzjoni u l-iskalar ta' soluzzjonijiet rilevanti tal-IA. BI-istabbiliment ta' mekkaniżmu uniku ta' governanza, l-Istrateġija thegġegħ id-djalogu bejn dawk li jfasslu l-politika u l-komunitajiet settorjali differenti. Billi tgħaqqad u ssaħħaħ l-istrumenti relatati mal-IA, din hija pjan ta' azzjoni għal adozzjoni u integrazzjoni sħiħa tal-IA fis-setturi strateġiċi tal-UE, u dan iwassal biex jissaħħaħ il-Kontinent tal-IA.

⁹² Pereżempju l-Kummissjoni hija involuta fiċ-Ċentru tal-IA għall-Iżvilupp Sostenibbli, <https://www.aihubfordevelopment.org/>.

⁹³ https://commission.europa.eu/document/download/4047c277-f608-48d1-8800-dcf0405d76e8_en

⁹⁴ <https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/library/joint-communication-international-digital-strategy-eu>